IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.9.2024
COM(2024) 415 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rieżami tal-funzjonament u tal-effettività tar-Regolament (UE) 2017/821 (Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt) skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2017/821

I. INTRODUZZJONI

L-għan ta' dan ir-Rapport huwa li jippreżenta s-sejbiet tal-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") dwar l-ewwel rieżami tal-funzjonament u l-effettività tar-*Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli*[1] (ir-Regolament). Ir-Regolament daħal fis-seħħ fit-8 ta' Ġunju 2017. Ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta operazzjonali tiegħu japplikaw għall-importaturi tal-Unjoni ta' Landa, Tungstenu, Tantalju, u Deheb (Tin, Tungsten, Tantalum, and Gold, 3TG) mill-1 ta' Jannar 2021. B'mod speċifiku, ir-Regolament jistabbilixxi sistema tal-Unjoni għad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista, sabiex jitnaqqsu l-opportunitajiet għall-gruppi armati u l-forzi tas-sigurtà biex jibbenefikaw mill-kummerċ fit-3TG, bil-prevenzjoni tal-finanzjament ta' tali gruppi armati u forzi tas-sigurtà f'żoni għonja fir-riżorsi u l-evitar ta' abbużi serji relatati tad-drittijiet tal-bniedem. L-obbligi ta' diliġenza dovuta għall-importaturi tal-Unjoni huma allinjati mal-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli (Gwida tal-OECD dwar id-DD), u jintegraw il-qafas ta' 5 passi għad-diliġenza dovuta bbażata fuq ir-riskju stabbilit fil-Gwida tal-OECD dwar id-DD.[2] Ir-Regolament huwa mfassal biex jipprovdi trasparenza u ċertezza fir-rigward tal-prattiki tal-provvista tal-importaturi tal-Unjoni tat-3TG, u ta' funderiji u raffineriji li s-sorsi ta' provvista tagħhom huma minn żoni affettwati minn kunflitti u żoni ta' riskju għoli (conflict-affected and high-risk areas, CAHRAs). L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri (Member State competent authorities, MSCAs) huma responsabbli għall-implimentazzjoni uniformi tar-Regolament u għat-twettiq ta' kontrolli tal-konformità *ex post* fuq l-importaturi tal-Unjoni.

Skont l-Artikolu 17(2), il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-funzjonament u l-effettività tar-Regolament sal-2023 u kull 3 snin minn hemm 'il quddiem. B'mod speċifiku, ir-reviżjoni għandha

> *"tqis* ***l-impatt ta' dan ir-Regolament fil-post****, inkluż fuq il-promozzjoni u l-ispiża tal-provenjenza responsabbli tal-minerali fl-ambitu tagħha f'żoni affettwati minn kunflitti u f'żoni ta' riskju għoli u* ***l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni****, inklużi l-SMEs, kif ukoll* ***il-miżuri ta' akkumpanjament*** *deskritti fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-5 ta' Marzu 2014. Il-Kummissjoni għandha tiddiskuti r-****rapport*** ***ta' reviżjoni*** *mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. Ir-reviżjoni għandha tinkludi valutazzjoni indipendenti tal-proporzjon ta' operaturi ekonomiċi downstream totali tal-Unjoni li għandhom landa, tantalu, tungstenu jew deheb fil-katina tal-provvista tagħhom, li jkollhom fis-seħħ skemi ta' diliġenza dovuta. Ir-reviżjoni għandha tivvaluta* ***l-adegwatezza u l-implimentazzjoni ta' dawn l-iskemi ta' diliġenza dovuta*** *u l-impatt tas-sistema tal-Unjoni fuq il-post kif ukoll* ***il-ħtieġa għal aktar miżuri mandatorji*** *sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed influwenza fuq is-suq kollu tal-Unjoni dwar katina tal-provvista globali responsabbli tal-minerali."*

[1] ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1.
[2] OECD (2016), *OECD Due Diligence Guidance for Responsible Supply Chains of Minerals from Conflict-Affected and High-Risk Areas*: *Third Edition*, OECD Publishing, Pariġi. http://dx.doi.org/10.1787/9789264252479-en

Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti b'mod espliċitu fl-Artikolu 17, il-Kummissjoni identifikat u eżaminat aktar elementi marbuta mal-kopertura u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, li jista' jkollhom impatt fuq il-funzjonament u l-effettività tar-Regolament. Dan ir-Rapport iwieġeb għal dan ir-rekwiżit fuq il-Kummissjoni biex tirrevedi r-Regolament. Dan jiġbor fil-qosor is-sejbiet tal-istudju ta' reviżjoni u jenfasizza oqsma ta' prijorità ewlenin li l-Kummissjoni tista' tappoġġa kontinwament u potenzjalment tivvaluta aktar fil-kuntest tar-reviżjonijiet li jmiss.

II. L-EWWEL REVIŻJONI - KAMP TA' APPLIKAZZJONI U METODOLOĠIJA

Dan ir-Rapport janalizza l-effettività u l-funzjonament tar-Regolament fuq diversi dimensjonijiet: (1) L-impatt fil-pajjiżi produtturi[3], b'mod partikolari fuq il-mitigazzjoni tar-riskji ta' impatti negattivi sinifikanti li jistgħu jkunu assoċjati mal-estrazzjoni, l-immaniġġjar u l-esportazzjoni ta' minerali minn żoni affettwati minn kunflitti u żoni ta' riskju għoli, (2) l-impatt fuq l-operaturi ekonomiċi fl-UE, inkluż fuq l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs), (3) l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' akkumpanjament bħar-rikonoxximent ta' skemi ta' diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista u l-impatt tal-lista indikattiva u mhux eżawrjenti tal-CAHRAs ipprovduta mill-esperti esterni li l-Kummissjoni talbet skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (minn hawn 'il quddiem il-lista CAHRA)[4] u (4) kunsiderazzjonijiet addizzjonali inkluż dwar il-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament, ir-rwol tal-limiti tal-volum tal-importazzjoni u l-interkonnessjonijiet ma' inizjattivi leġiżlattivi oħra li jkopru s-settur estrattiv.

Dan ir-Rapport ġie appoġġjat minn studju estern, kontributi mill-MSCAs permezz tar-rapporti annwali tagħhom dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament[5] kif ukoll konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. Is-sejbiet tal-istudju estern huma bbażati fuq metodi mħallta li jikkonsistu f'reviżjoni estensiva tal-letteratura, analiżi tad-*data* sekondarja, riċerka fuq il-post[6], riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u intervisti u sessjonijiet ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati rilevanti inklużi l-MSCAs, l-operaturi upstream u downstream Ewropej, is-sidien ta' skemi ta' diliġenza dovuta, il-minaturi, in-negozjanti lokali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra. Ir-Rapport huwa bbażat fuq riċerka li tkopri l-perjodu sal-ewwel nofs tal-2023.

III. REVIŻJONI TAL-FUNZJONAMENT U L-EFFETTIVITÀ TAR-REGOLAMENT

1. Impatti fil-prattika fil-pajjiżi produtturi tat-3TG

Fl-2023, l-UE importat it-3TG (kif definiti fl-Anness 1 tar-Regolament, jiġifieri kemm il-metalli kif ukoll il-minerali li fihom dawn il-metalli) b'valur ta' EUR 18,3 biljun. Il-

[3] B'"pajjiżi produtturi", nirreferu għall-pajjiżi li fihom isseħħ l-estrazzjoni tal-minerali tat-3TG.

[4] Il-lista ta' CAHRAs ipprovduta mill-espert esterni u l-informazzjoni pprovduta fuq is-sit web iddedikat għal din il-lista ma tikkostitwixxix opinjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-UE dwar jekk reġjun jew żona speċifika hijiex CAHRA jew le kif definit fl-Artikolu 2(f) tar-Regolament (UE) 2017/821.


[5] L-Artikolu 17(1) tar-Regolament.

[6] Twettqu studji ta' każijiet fuq il-post fil-Kolombja u fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK). Iż-żewġ pajjiżi jidhru fil-lista tal-CAHRA u huma atturi ewlenin tas-suq tat-3TG bi produzzjoni attiva ta' kull mineral/metall, bi skali li jvarjaw.

maġġoranza tal-importazzjonijiet f'termini ta' valur kienu jikkonsistu f'minerali u konċentrati tad-deheb (71 %), segwiti mit-tantalju (23 %), il-landa (5 %) u t-tungstenu (1 %).

F'termini ta' kwantitajiet, l-importazzjonijiet totali ammontaw għal 26 000 tunnellata, li minnhom 45 % kienu minerali u konċentrati tad-deheb, 37 % tantalju, 15 % landa u 3 % tungstenu (inklużi l-minerali li fihom dawn il-metalli).

Figura 1 - Importazzjonijiet tat-3TG fl-EU27 fl-2023



Sors: ESTAT Comext
Nota: Abbażi ta' kodiċijiet NM bi 8 ċifri skont l-Anness 1 tar-Regolament

Kif jidher fit-Tabella 1 hawn taħt, sehem marġinali biss tal-importazzjonijiet diretti tat-3TG joriġina minn pajjiżi b'żoni inklużi fil-lista CAHRA.

Tabella 1 - Oriġini tal-importazzjonijiet tat-3TG tal-UE fl-2023

Isem l-Oġġett	Total tal-Importazzjonijiet tal-UE (EUR 1 000)	Importazzjonijiet minn CAHRAs (EUR 1 000)	Importazzjonijiet diretti minn CAHRAs (%)	Pajjiżi b'reġjuni inklużi fil-lista ta' CAHRAs	L-aktar hames pajjiżi ta' oriġini komuni mhux CAHRAs
Landa	875 963	12 808	1,46 %	L-Indja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, it-Turkija, l-Afganistan, il-Venezwela, il-Pakistan, l-Ukrajna, iż-Żimbabwe, in-Niġerja, il-Filippini, l-Eġittu, il-Kolombja, il-Burundi	L-Iżvizzera, l-Afrika t'Isfel, ir-Renju Unit, l-Ekwador, il-Kanada
Tungstenu	282 892	2 929	1,04 %	L-Indja, it-Turkija, il-Filippini, l-Eġittu, l-Ukrajna, il-Pakistan	Il-Korea t'Isfel, il-Ġappun, iċ-Ċina, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Afrika t'Isfel

Tantalju	4 136 535	1 616	0,04 %	Il-Venezwela, l-Indja, l-Ukrajna, it-Turkija, il-Filippini, il-Kolombja, in-Niġerja, il-Mozambique	L-Indoneżja, il-Brażil, iċ-Ċina, il-Perù, il-Bolivja
Minerali u konċentrati tad-deheb	12 992 874	628 175	4,83 %	L-Indja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, it-Turkija, l-Afganistan, il-Venezwela, il-Pakistan, l-Ukrajna, iż-Żimbabwe, in-Niġerja, il-Filippini, l-Eġittu, il-Kolombja, il-Burundi	Iċ-Ċina, l-Istati Uniti tal-Amerka, il-Vjetnam, il-Korea t'Isfel, il-Kanada

Sors: ESTAT Comext
Nota: Abbażi ta' kodiċijiet NM bi 8 ċifri skont l-Anness 1 tar-Regolament

Biex jiġu riveduti l-impatti tar-Regolament fuq il-post fil-pajjiżi produtturi tat-3TG b'enfasi fuq is-CAHRAs, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) (ir-reġjuni ta' Kinshasa u Kindu) u l-Kolombja (ir-reġjuni ta' Bogotá u Medellín) intgħażlu għal valutazzjoni fuq il-post u fil-fond. Iż-żewġ pajjiżi ntgħażlu biex jinkiseb bilanċ bejn ir-rilevanza, il-fattibbiltà u r-rappreżentanza ġeografika, filwaqt li tiġi żgurata l-kopertura tal-erba' minerali/metalli kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

L-istudju estern eżamina wkoll permezz ta' riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni l-impatti f'oqsma inklużi fil-lista tas-CAHRAs fl-Afrika, l-Amerka Latina u l-Asja - speċifikament fil-Burkina Faso, il-Burundi, in-Niġerja, is-Sudan t'Isfel, il-Venezwela, l-Indja u l-Myanmar. Fl-aħħar nett, pajjiżi ta' tranżitu importanti tat-3TG, b'mod partikolari r-Rwanda u l-Emirati Għarab Magħquda (EGħM), iffurmaw ukoll parti mill-valutazzjoni bbażata fuq id-dokumentazzjoni bl-għan li tingħata perspettiva aktar olistika tal-impatti globali tar-Regolament.

L-għażla ta' dawn il-pajjiżi speċifiċi għal valutazzjoni fil-fond u bbażata fuq id-dokumentazzjoni mhijiex ir-riżultat ta' tqabbil ma' pajjiżi oħra li għandhom ukoll CAHRAs inklużi fil-lista.

a. Riċerka fuq il-post fir-**RDK**

Ir-RDK ilha ċentrali għall-"minerali ta' kunflitt" minn meta żviluppa l-kunċett aktar minn għoxrin sena ilu, minħabba r-riżervi kbar tagħha ta' 3TGs u r-riskji dokumentati sew marbuta mal-kunflitt armat u abbużi serji relatati tad-drittijiet tal-bniedem tul il-ktajjen tal-provvista tat-3TG. Ir-RDK kollha tinsab fil-lista tal-CAHRA.[7] Il-prevalenza tal-estrazzjoni artiġjanali fuq skala żgħira (artisanal small-scale mining, ASM) tagħti lok għal sfidi ewlenin, bil-kooperattivi

[7] Ara Taqsima III. 3. b.

spiss ikunu formalizzati ħażin u affettwati minn riskji u abbużi sinifikanti fil-forma ta' xogħol furzat, sfruttament minn gruppi armati, (tixħim, ħasil tal-flus), u rappreżentazzjoni ħażina frawdolenti tal-oriġini tal-minerali. Dawn ir-riskji spiss jissejħu riskji ta' "Gwida tal-OECD dwar id-DD — Anness II"[8]. B'mod speċifiku, għad-deheb mill-estrazzjoni artiġjanali, bħalissa ma hemm l-ebda programm ta' traċċabbiltà fuq skala kbira, li jagħmilha diffiċli li titwettaq id-diliġenza dovuta upstream u li jinkiseb b'mod responsabbli deheb iċċertifikat biex jilħaq is-suq Ewropew.

Tabella 2– Esportazzjonijiet tat-3TG mir-RDK fl-2022

Isem l-Oġġett	Total ta' esportazzjonijiet (EUR 1 000)	Pajjiżi importaturi ewlenin	Is-sehem tal-UE
Landa	19 533	Iċ-Ċina, l-Emirati Għarab Magħquda	0 %
Tungstenu	3 162	L-Emirati Għarab Magħquda, it-Tajlandja, il-Malażja, Hong Kong, l-UE	3 %
Tantalju	38 154	Hong Kong, l-Emirati Għarab Magħquda, iċ-Ċina, it-Tajlandja, l-UE	7 %
Minerali u konċentrati tad-deheb	685 084	L-Afrika t'Isfel, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Burundi, ir-Rwanda, l-Uganda	0 %

Sors: UN Comtrade
Noti: abbażi tal-kodiċijiet HS6 skont l-Anness 1 tar-Regolament

L-istudju identifika xi impatti pożittivi, għalkemm mhux attribwibbli direttament għar-Regolament, f'termini ta' sensibilizzazzjoni u adozzjoni akbar ta' prattiki ta' diliġenza dovuta, inkluż tal-Gwida tal-OECD dwar id-DD li fuqha huwa bbażat ir-Regolament. Madankollu, ir-riżultati tar-riċerka fuq il-post juru wkoll li l-għarfien speċifiku tar-Regolament huwa ġeneralment baxx fir-RDK, b'riżultat ta' nuqqas ta' impatt dirett dimostrabbli. Madankollu, l-għarfien tal-qafas ta' ħames passi tal-OECD – li fuqu huwa bbażat ir-Regolament – huwa ħafna aktar mifrux. Il-partijiet ikkonċernati intervistati kienu jafu bir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta stabbiliti mill-Gwida tal-OECD dwar id-DD u l-ħtieġa ta' konformità mad-Dodd-Frank Act tal-Istati Uniti[9] (DFA), li jiffoka speċifikament fuq ir-RDK u l-pajjiżi ġirien

b. Riċerka fuq il-post fil-**Kolombja**

Il-Kolombja ilha membru tal-OECD mill-2020.[10] Il-pajjiż għandu produzzjoni sinifikanti tad-deheb b'rabtiet identifikati mar-riskji tal-Anness II bħall-produzzjoni tad-deheb insostenn ta' gruppi armati mhux statali, it-traffikar tad-droga, u l-estrazzjoni illegali.[11] Id-*departamentos* Kolombjani ta' Antioquia, Arauca, Bolívar, Cauca, Nariño, Norte de Santander, u Valle del

[8] Ir-riskji tal-Anness II huma definiti fil-Gwida dwar id-Diliġenza Dovuta tal-OECD u huma rikonoxxuti bħala "impatti negattivi sinifikanti li jistgħu jiġu assoċjati mal-estrazzjoni, in-negozjar, l-immaniġġjar u l-esportazzjoni tal-minerali" mis-CAHRAs. L-Anness II jinkludi: kwalunkwe forma ta' tortura, trattament krudili, inuman u degradanti; kwalunkwe forma ta' xogħol furzat jew obbligatorju, l-agħar forom ta' ħaddim tat-tfal; ksur u abbuži gravi oħra tad-drittijiet tal-bniedem bħal vjolenza sesswali mifruxa; delitti tal-gwerra jew ksur serju ieħor tad-dritt umanitarju internazzjonali, delitti kontra l-umanità jew ġenoċidju.
[9] It-Taqsima 1502 tal-US Dodd-Frank Wall Street Reform and Consumer Act tal-2010 tirrikjedi li l-kumpaniji elenkati fl-Istati Uniti jiżvelaw jekk jużawx 3TGs u jekk dawn il-minerali joriġinawx fir-RDK jew f'pajjiż li jinsab biswitha.
[10] OECD, "Colombia".
[11] Frédéric Massé & Philippe Le Billon (2017), "Gold mining in Colombia, post- war crime and the peace agreement with the FARC", *Third World Thematics.*

Cauca huma inkluži fil-lista CAHRA. F'Lulju 2022, il-Kolombja adottat il-Liġi 2250 li tipprovdi l-bażi regolatorja domestika għad-diliġenza dovuta għat-3TGs (kif ukoll il-fidda u l-platinu). Barra minn hekk, il-gvern Kolombjan qed iwettaq diversi inizjattivi li jirriflettu l-objettivi ta' aspetti differenti tal-Gwida tal-OECD dwar id-DD u għalhekk, tar-Regolament, anki jekk dawn l-inizjattivi mhumiex imfassla b'mod espliċitu u konsistenti bħala diliġenza dovuta. Il-formalizzazzjoni tal-ASM hija eżempju wieħed, peress li l-komunitajiet tal-estrazzjoni tal-ASM huma partikolarment esposti għar-riskji tal-Anness II. L-istudju estern enfasizza wkoll l-isforzi minn gruppi bħall-Alleanza għall-Estrazzjoni Responsabbli (Alliance for Responsible Mining, ARM) u l-Inizjattiva Żvizzera għal Deheb Aħjar għall-promozzjoni ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista responsabbli fis-settur tad-deheb tal-ASM Kolombjan.

Il-partijiet ikkonċernati kkonsultati fil-Kolombja indikaw il-fatt li l-identifikazzjoni tal-kostijiet assoċjati direttament mar-Regolament mhijiex possibbli minħabba l-volumi baxxi ta' esportazzjonijiet diretti mill-Kolombja lejn l-UE.[12]

Tabella 3- Esportazzjonijiet tat-3TG mill-Kolombja fl-2022

Isem l-Oġġett	Total ta' esportazzjonijiet (EUR 1 000)	Pajjiżi importaturi ewlenin	Is-sehem tal-UE
Landa*	3 621	Iċ-Ċina, Trinidad u Tobago, l-Ekwador	0 %
Tungstenu	25	Il-Perù, l-Ekwador, il-Messiku	0 %
Ossidi u idrossidi tat-tungstenu u tal-landa	87	L-UE, il-Panama	93 %
Tantalju	5	L-Arġentina	0 %
Minerali u konċentrati tad-deheb	2,976,472	L-Istati Uniti, l-UE, iż-Żoni Ħielsa, l-Indja, l-Emirati Għarab Magħquda	16 %

Sors: UN Comtrade
Noti: abbażi tal-kodiċijiet HS6 skont l-Anness 1 tar-Regolament
* Esklużi l-ossidi u l-idrossidi tal-landa (NM 2825 90 85)
^ Minbarra l-ossidi u l-idrossidi tat-tungstenu (NM 2825 90 40)

Ir-riżultati tal-ħidma fuq il-post indikaw b'mod speċjali l-għarfien limitat tar-Regolament fuq il-post fil-Kolombja, li jwassal għal nuqqas ta' impatt dirett identifikabbli. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati intervistati kienu familjari mal-Gwida tal-OECD dwar id-DD – dan huwa inkoraġġanti, meta jitqies il-fatt li wieħed mill-għanijiet ewlenin tar-Regolament huwa li jiżgura li l-importaturi tat-3TG tal-Unjoni jwettqu d-diliġenza dovuta b'mod li jkun konsistenti mal-Gwida tal-OECD dwar id-DD. Il-kunċett ta' traċċabbiltà tal-katina tal-provvista ġie internalizzat b'mod partikolari fis-settur tad-deheb tal-Kolombja fost l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi.

c. Studji ta' każijiet ibbażati fuq id-dokumentazzjoni

L-istudju estern li jappoġġa r-reviżjoni tal-Kummissjoni indika l-kwistjonijiet li ġejjin fil-pajjiżi magħżula għal eżami dokumentarju.

[12] Intervista ma' espert tad-deheb mis-soċjetà ċivili, 24 ta' April 2023.

Fil-**Burkina Faso**, ir-riskji tal-Anness II identifikati fis-settur tad-deheb jinkludu t-tixħim, ir-rappreżentazzjoni ħażina frawdolenti, il-ħasil tal-flus u n-nuqqas ta' ħlas tat-taxxi, l-appoġġ dirett jew indirett lil gruppi armati mhux statali, u l-involviment tal-forzi tas-sigurtà pubblika. Tmien reġjuni tal-pajjiż jinsabu fil-lista tas-CAHRA. Matul l-intervisti li saru għal dan l-istudju mal-partijiet ikkonċernati ewlenin fil-Burkina Faso, kien hemm għarfien limitat tal-eżistenza tar-Regolament. F'termini ta' prijoritajiet fit-tiftix ta' sorsi ta' provvista responsabbli, il-biċċa l-kbira tal-persuni intervistati kienu ffukati fuq il-kwistjoni tat-tniġġis tal-merkurju marbut mal-estrazzjoni tad-deheb. L-intervisti li saru jissuġġerixxu li tkun meħtieġa aktar ħidma biex jintlaħqu n-nies fir-rigward tar-Regolament biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-iskop u l-funzjonament tiegħu. Id-delegazzjoni tal-UE f'Ouagadougou qed tappoġġa l-estrazzjoni artiġjanali tad-deheb, inkluż fil-kuntest tal-proġett tal-*Fondazzjonijiet għall-Paċi*.

Il-Burundi huwa inkluż fil-lista tas-CAHRA. Il-formalità u l-legalità tas-settur tal-estrazzjoni tiegħu ġew affettwati b'mod negattiv mill-projbizzjoni tal-2019 fuq l-esportazzjoni tad-deheb għan-negozjanti privati, li potenzjalment ikkontribwiet għal żieda fl-esportazzjonijiet illegali tad-deheb. Skont il-partijiet ikkonċernati kkonsultati, bħalissa hemm biss ftit kumpaniji barranin li joperaw fil-pajjiż, prinċipalment ta' oriġini Ċiniża u Russa u l-ebda waħda minnhom mhi qed tesporta direttament lejn l-UE. Barra minn hekk, hemm disponibbiltà limitata ħafna ta' *data* dwar l-estrazzjoni. L-istudju ma identifikax evidenza ta' xi impatt dirett tar-Regolament fil-prattika.

Sitt stati federali tan-**Niġerja** huma elenkati fil-lista tas-CAHRA. Is-settur tal-estrazzjoni minerarja fin-Niġerja bħalissa għadu qed jinbet u huwa kkaratterizzat minn produzzjoni relattivament limitata ta' minerali tat-3TG, ħlief għat-tantalju. B'mod partikolari, in-Niġerja tirrappreżenta madwar 13 % tal-produzzjoni globali tat-tantalju.[13] Madankollu, l-estrazzjoni illegali tad-deheb u l-kuntrabandu jikkostitwixxu riskji ewlenin tal-Anness II fir-reġjuni tal-Majjistral tal-pajjiż b'mod partikolari (l-istat ta' Zamfara). Is-settur tal-estrazzjoni minerarja s'issa ma kienx fost is-setturi ta' prijorità tal-impenn tas-sħubija tal-UE man-Niġerja u b'riżultat ta' dan, ma kienx hemm impenji diretti abbażi tar-Regolament fil-pajjiż. Madankollu, indirettament, permezz tal-appoġġ tal-UE għall-Qafas ta' Finanzjament Nazzjonali Integrat (INFF), u l-ħidma relatata fuq il-federaliżmu fiskali, jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' qafas għal settur b'saħħtu tal-minerali (inklużi l-formalizzazzjoni tas-settur u r-riforma tal-ġenerazzjoni tad-dħul).

Ir-riżorsi naturali primarji mill-minjieri tar-**Rwanda** huma t-3TG u l-ħaġar prezzjuż.[14] Iċ-ċinturin tad-depożiti ta' 3T li jestendi mil-Lvant tar-RDK għal ġor-Rwanda u sal-Burundi jammonta għal 51 % tal-provvista globali tat-tantalju, u r-Rwanda tikkontribwixxi, skont l-istatistika tagħha stess, għal 28 % tal-produzzjoni globali, prinċipalment fil-forma ta' konċentrati.[15] Filwaqt li l-ebda reġjun tar-Rwanda ma jidher fil-lista tal-CAHRA, il-pajjiż huwa importanti għall-estrazzjoni u t-tranżitu tat-3TG, li xi wħud minnhom, skont sorsi

[13] EITI (2022), "Mission critical: Strengthening governance of mineral value chains for the energy transition". https://eiti.org/documents/mission-critical, p. 99.
[14] Instabu depożiti kbar ta' landa f'Rutongo, Musha u Ntunga. Id-depożiti tat-tantalju jinsabu primarjament f'Rutsiro, Muhanga, Kamonyi, eċċ. Ġbir Ġeoloġiku ta' RMB. It-tungstenu jista' jinstab f'Nyakabingo, Gifurwe u Bugarama. Id-deheb jiġi estratt primarjament fil-provinċji tat-Tramuntana u tal-Punent tar-Rwanda, Miyove, Nyungwe, u Birambo. Mining Africa, https://www.rmb.gov.rw/index.php?eID=dumpFile&t=f&f=68168&token=bca415628ca0d601bb28468f283b98d21a6986c1.
[15] Barreto *et al*., "Economic Contributions of Artisanal and Small-Scale Mining in Rwanda: Tin, Tantalum and Tungsten".

internazzjonali, setgħu ddaħħlu b'kuntrabandu min-naħa għall-oħra tal-fruntiera mir-RDK.[16] L-UE bħalissa tappoġġja l-provenjenza responsabbli, l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali tal-protezzjoni soċjali u ambjentali u l-avvanz tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fir-Rwanda permezz tal-proġett *Sustainable Development of the Mining Sector in Rwanda*.[17] Lil hinn minn dan il-proġett, ma seta' jiġi identifikat l-ebda impatt direttament attribwibbli għar-Regolament fir-Rwanda. Madankollu, f'dan l-aħħar deċennju, il-Gvern tar-Rwanda implimenta firxa ta' inizjattivi leġiżlattivi u approva skemi ta' diliġenza dovuta għall-industriji biex jittaffew ir-riskji negattivi marbuta mal-esplorazzjoni tal-estrazzjoni u l-operazzjonijiet ta' pproċessar. Tali miżuri jirriflettu l-isforzi usa' għall-promozzjoni tad-diliġenza dovuta fil-pajjiż, fosthom bir-Regolament.

Tmien reġjuni fis-**Sudan t'Isfel** jinsabu fil-lista CAHRA. L-intervisti li saru fil-pajjiż urew li l-estrazzjoni illegali hija komuni ferm fis-settur tad-deheb, fil-biċċa l-kbira mwettqa minn minaturi artiġjanali mhux irreġistrati. Barra minn hekk, hemm nuqqas notevoli ta' trasparenza dwar is-sjieda ta' kumpaniji li joperaw fis-settur. Fir-rigward tar-Regolament, s'issa ma ġie identifikat l-ebda proġett dwar tiftix ta' sorsi ta' provvista responsabbli jew minerali ta' kunflitt fil-pajjiż. Barra minn hekk, ħafna partijiet ikkonċernati intervistati affermaw li d-diliġenza dovuta u t-tiftix ta' sorsi ta' provvista responsabbli fis-settur tad-deheb ma jidhrux li huma fost il-prijoritajiet tal-gvern.

Fil-**Venezwela**, hemm ħafna riskji marbuta mal-estrazzjoni tad-deheb u l-pajjiż kollu huwa inkluż fil-lista CAHRA. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' statistika uffiċjali jirriżulta f'livelli għoljin ta' opaċità fis-settur.[18] Skont sorsi kkonsultati, porzjonijiet kbar tad-deheb tal-Venezwela allegatament jiddaħħlu b'kuntrabandu f'pajjiżi ġirien bħall-Kolombja, il-Brażil, is-Suriname, u l-Guyana. Minbarra l-istudju estern, ma nstab l-ebda studju ieħor eżistenti biex jiġi evalwat l-impatt tar-regolament fil-Venezwela. L-istudju ma seta' jidentifika l-ebda sforz mill-gvern biex jimplimenta miżuri ta' diliġenza dovuta jew bidliet legali fil-kodiċi tal-estrazzjoni minerarja jew kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali oħra bħala riżultat tar-Regolament. Hemm xi livell ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-Regolament fost l-akkademiċi u r-riċerkaturi iżda l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-esperti tal-estrazzjoni li ġew ikkuntattjati ma kinux konxji tar-Regolament.[19] Għalhekk kien impossibbli li jiġi vvalutat kwalunkwe impatt fil-post li jkun direttament attribwibbli għar-Regolament.

L-Indja hija t-tieni l-akbar konsumatur tad-deheb (wara ċ-Ċina), u laħqet 774 tunnellata fl-2022. Minħabba provvista domestika insuffiċjenti, id-domanda hija primarjament issodisfata permezz tal-importazzjonijiet, spiss mill-Emirati Għarab Magħquda, li joħloq riskju (ara aktar dettalji hawn taħt dwar it-tħassib relatat mat-tiftix ta' sorsi ta' provvista responsabbli mill-Emirati Għarab Magħquda). Fl-2022–2023, l-estrazzjoni lokali kkontribwiet għal madwar 1,5 % tal-provvista tad-deheb, filwaqt li r-riċiklaġġ kien jammonta għal madwar 14 %.[20] L-aktar riskju identifikat fis-settur tad-deheb Indjan huwa l-kuntrabandu, marbut man-nuqqas ta' ħlas ta' taxxi u tariffi tal-gvern u mal-ħasil tal-flus. Żewġ stati – Chhattisgarh u Jammu u Kashmir

[16] Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, Rapport ta' nofs it-terminu tal-Grupp ta' Esperti mressaq f'konformità mal-paragrafu 6 tar-riżoluzzjoni 2688 (2023), S/2023/990.
[17] Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-Rwanda, "EU and Germany Join Forces to Boost Rwanda's Mining Sector," 30 ta' Ġunju 2023.
[18] Wilson Center, "Exploiting Venezuela's Uncertain Future". OECD, 'Gold Flows from Venezuela'.
[19] Intervisti li saru fit-30 ta' Marzu 2023 u fil-5 ta' April 2023, rispettivament.
[20] Iċ-Ċentru Indjan tal-Politika dwar id-Deheb, "8th Annual Report 2022-2023", 26.

– jidhru fil-lista CAHRA. Is-sejbiet tal-istudju estern juru li hemm xi għarfien dwar ir-Regolament fl-Indja, b'mod partikolari f'ċerti organizzazzjonijiet preżenti fil-pajjiż, bħall-Kunsill Dinji tad-Deheb, il-Kunsill għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni tal-Ġawhar Prezzjuż u tal-Ġojjellerija jew l-Assoċjazzjoni Indjana tal-Metalli ta' Valur u tal-Ġojjellerija.

Fil-**Myanmar**, l-industrija tal-landa hija kkontrollata bis-sħiħ minn uffiċjali għolja tal-ġunta, u dan jagħmel kwalunkwe valutazzjoni tal-produzzjoni u tal-kummerċ biċċa xogħol kumplessa. Fl-2021, l-istimi wrew produzzjoni ta' madwar 29 000 tunnellata fis-sena; b'aktar minn 700 000 tunnellata f'riżervi. Dan jagħmel lill-Myanmar ir-raba' l-akbar produttur tal-landa u l-pajjiż bit-tielet l-akbar riżervi tal-landa madwar id-dinja.[21] Il-biċċa l-kbira tal-produzzjoni tal-pajjiż tispiċċa fir-raffineriji Ċiniżi. L-assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Landa tidentifika l-Yunnan Tin Company ibbażata fiċ-Ċina bħala waħda mir-riċevituri ewlenin tal-landa tal-Myanmar. Fil-lista tas-CAHRAs hemm 15 mill-21 żona amministrattiva tal-Myanmar. Is-sejbiet mill-istudju estern jissuġġerixxu li hemm għarfien negliġibbli tar-Regolament fil-Myanmar, u ma kienx possibbli li jiġi kkonfermat xi impatt fuq il-post direttament attribwibbli għar-Regolament. Il-biċċa l-kbira tal-persuni intervistati ffukaw l-isforzi tagħhom fil-Myanmar fuq il-kwistjoni tal-instabbiltà politika u l-vjolenza u ma indirizzawx b'mod espliċitu r-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta.

L-Emirati Għarab Magħquda mhumiex produttur tal-estrazzjoni ta' xi wieħed mill-minerali koperti mir-Regolament iżda jokkupaw post ċentrali fil-kummerċ u t-trasformazzjoni tad-deheb. F'40 sena, minn pajjiż li ma kienx parti mill-100 pajjiż li l-aktar kienu jimpurtaw deheb, illum il-ġurnata sab ruħu fost l-aktar 10 pajjiżi li jimpurtaw deheb, u l-importazzjonijiet mill-Afrika qed jesperjenzaw żieda notevoli.[22] Xi partijiet ikkonċernati intervistati jargumentaw li l-aċċess għal kwalunkwe informazzjoni dwar il-kummerċ tad-deheb tal-Emirati Għarab Magħquda huwa diffiċli ħafna. Hemm tħassib mifrux li r-rekwiżiti għal tiftix ta' sorsi ta' provvista responsabbli jidhru dgħajfa, minkejja sensiela ta' inizjattivi reċenti rilevanti. Il-Ministeru tal-Ekonomija tal-Emirati Għarab Magħquda ħabbar regolamenti ġodda ta' diliġenza dovuta allinjati mal-OECD li jkopru s-settur tad-deheb li se jidħlu fis-seħħ f'Jannar 2024. Filwaqt li l-impatti direttament attribwibbli għar-Regolament ma setgħux jiġu identifikati fl-EGħM u l-pajjiż mhuwiex inkluż fil-lista tas-CAHRAs, l-Emirati Għarab Magħquda għandhom rwol sinifikanti bħala ċentru ta' tranżitu, b'mod partikolari għad-deheb. Għalhekk huwa rilevanti għall-funzjonament u l-effettività tar-Regolament u importanti għad-diliġenza dovuta fis-settur b'mod aktar ġenerali.

d. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Ir-Regolament jintroduċi obbligi ta' diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista biss fuq l-importaturi tal-Unjoni tat-3TG, u bħala tali ma għandu l-ebda effett legali dirett fuq l-entitajiet u l-proċessi f'pajjiżi terzi. Fid-dawl ta' dan, huwa diffiċli li ssir distinzjoni bejn l-impatti u l-kostijiet f'pajjiżi terzi tar-Regolament tal-UE u dawk li jirriżultaw minn sforzi globali usa' għall-promozzjoni tad-diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-provvista tal-minerali. Madankollu, huwa inkoraġġanti li fil-maġġoranza tal-pajjiżi terzi vvalutati, hemm xi sforzi minn ħafna atturi fis-settur tat-3TG biex jimplimentaw id-diliġenza dovuta allinjata mal-OECD f'konformità

[21] Nicholas Gardiner *et al.*, "Tin mining in Myanmar: Production and potential", *Resources Policy*, Diċembru 2015.

[22] Carnegie Endowment for International Peace, https://carnegie-production-assets.s3.amazonaws.com/static/files/PageVittori_DubaiCorruption_final.pdf, 7 ta' Lulju 2020.

mal-objettivi tar-Regolament. Ir-rekwiżiti tar-Regolament huma parti minn din l-ekosistema usa' ta' diliġenza dovuta u miżuri ta' kondotta responsabbli fin-negozju u għalhekk jistgħu jitqiesu bħala waħda mill-għodod li jikkontribwixxu għat-titjib tad-diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-provvista tat-3TG.

L-istudju identifika l-potenzjal li jittejjeb l-impatt tar-Regolament permezz ta' involviment akbar mill-UE fil-pajjiżi produtturi u ta' tranżitu tat-3TG. L-effettività u l-funzjonament tar-Regolament jistgħu jissaħħu aktar permezz ta' aktar sensibilizzazzjoni, li tibda b'aktar ħidma mid-Delegazzjonijiet tal-UE biex jintlaħqu n-nies f'pajjiżi b'żoni inklużi fil-lista tas-CAHRA. Il-gruppi tal-partijiet ikkonċernati lokali laqgħu r-Regolament u wrew interess qawwi fir-rigward tiegħu. Għalhekk, l-involviment ulterjuri tal-partijiet ikkonċernati involuti fil-produzzjoni u l-kummerċ tat-3TG f'pajjiżi bis-CAHRAs, fejn possibbli, jippreżenta opportunità sinifikanti biex jissaħħaħ l-impatt tar-Regolament.

2. Impatti fuq l-operaturi ekonomiċi tal-UE

a. Adozzjoni tad-diliġenza dovuta mill-operaturi ekonomiċi tal-UE, inklużi l-operaturi downstream

Il-valutazzjoni turi li meta r-Regolament daħal fis-seħħ, l-importaturi u l-operaturi downstream tal-Unjoni kellhom livelli differenti ta' għarfien tad-diliġenza dovuta skont ir-rwol tagħhom fil-katina tal-provvista tat-3TG u d-daqs tal-kumpanija. L-involviment fil-kummerċ internazzjonali tat-3TG kopert mid-DFA tal-Istati Uniti mill-2010 influwenza bil-qawwa l-għarfien tal-kumpaniji dwar il-prinċipji tad-diliġenza dovuta u kif għandhom jiġu implimentati.

Ħafna importaturi tal-Unjoni li ġew introdotti għall-ewwel darba għad-diliġenza dovuta permezz tar-Regolament ġew mgħarrfa bl-obbligi tagħhom permezz ta' kuntatti mal-MSCAs. Eżitu pożittiv tal-istudju kien il-fatt li l-kumpaniji, bis-saħħa tal-kuntatti mal-MSCAs, kienu qed itejbu gradwalment l-implimentazzjoni tal-obbligi ta' diliġenza dovuta tagħhom skont ir-Regolament. L-MSCAs jenfasizzaw il-ħtieġa li titkompla s-sensibilizzazzjoni dwar ir-rekwiżiti dettaljati tar-Regolament għall-operaturi. Filwaqt li xi SMEs irrappurtaw li qed jiffaċċjaw diffikultajiet fit-twettiq ta' verifiki esterni minn partijiet terzi, il-maġġoranza tal-importaturi tal-Unjoni kkonsultati fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tar-Regolament jiddependu fuq skemi ta' diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista. Dan jissuġġerixxi li kwalunkwe rikonoxximent potenzjali ta' skemi bħal dawn li jissodisfaw ir-rekwiżiti mill-Kummissjoni jiffaċilita l-konformità tal-importaturi mar-rekwiżiti rilevanti u jsawwar l-esperjenzi ta' ħafna kumpaniji tar-Regolament (ara t-taqsima "3. Miżuri ta' Akkumpanjament" għad-dettalji).

L-adozzjoni tad-diliġenza dovuta u l-livelli ta' konformità tal-operaturi ekonomiċi tal-UE jvarjaw bejn l-Istati Membri. In-nuqqasijiet ewlenin irrapportati huma relatati ma' nuqqas ta' informazzjoni dwar l-obbligi tas-sistema ta' ġestjoni u l-obbligi tal-ġestjoni tar-riskju, rapporti tal-awditjar mhux kompluti, nuqqasijiet rigward l-obbligi ta' divulgazzjoni u rapportar u inkonsistenzi bejn il-volumi tal-importazzjoni rrapportati u d-*data* doganali. Sfida ewlenija addizzjonali ffaċċjata hija nuqqas ġenerali fl-UE kollha ta' awdituri kwalifikati u nuqqas ta' awditi li jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament. Il-fehmiet dwar l-ispejjeż tal-konformità minn dawk intervistati kienu jvarjaw b'mod sinifikanti. Minn naħa, id-diliġenza dovuta qed issir dejjem aktar regola ġenerali fl-industrija tal-metalli u tal-minerali, u r-

Regolament jallinja ma' ħafna prattiki kummerċjali standard. Min-naħa l-oħra, il-kumpaniji spjegaw li l-piżijiet amministrattivi u l-kostijiet tal-awditjar tal-konformità jistgħu jkunu pjuttost sinifikanti, speċjalment għall-SMEs. Ġie stmat li l-ispejjeż għal awditu jvarjaw minn EUR 8 000 sa EUR 10 000, spiża sinifikanti għall-SMEs. Fl-istess ħin, il-kumpaniji (u l-MSCAs, ara hawn taħt) issuġġerew li rikonoxximent possibbli tal-iskemi u lista eventwali ta' funderiji responsabbli rikonoxxuti mill-UE jistgħu jnaqqsu dawn il-kostijiet b'mod sinifikanti.

Filwaqt li r-Regolament jistabbilixxi obbligi ta' diliġenza dovuta biss fuq l-importaturi tal-Unjoni tal-metalli u l-minerali bħala tali, hemm indikazzjonijiet li l-operaturi ekonomiċi aktar downstream fil-ktajjen tal-valur qed javvanzaw ukoll bl-isforzi tagħhom ta' diliġenza dovuta. Biex twettaq valutazzjoni tal-adozzjoni tad-diliġenza dovuta mill-kumpaniji downstream, il-Kummissjoni qed tħejji għodda volontarja online għall-kumpaniji downstream biex jippubblikaw informazzjoni dwar il-prattiki ta' diliġenza dovuta tagħhom, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Minerali Responsabbli (Responsible Minerals Information System, ReMIS), li hija mistennija li titnieda fit-tieni nofs tal-2024 (ara t-taqsima "3. Miżuri ta' Akkumpanjament").

b. <u>Infurzar tar-Regolament mill-MSCAs</u>

Ir-Regolament jirrikjedi li l-MSCAs iwettqu "kontrolli tal-konformità *ex post* xierqa" fuq l-operaturi ekonomiċi. L-analiżi mwettqa għal din ir-reviżjoni wriet li l-MSCAs huma mogħnija b'kapaċitajiet, riżorsi allokati, u għarfien espert differenti fir-rigward tal-materja prima, il-proċessi industrijali u l-awditjar. B'riżultat ta' dan, għandhom kapaċitajiet differenti biex iwettqu u jsegwu l-kontrolli *ex post*. Bħala nota ġenerali, wara li sar biss l-ewwel ċiklu ta' kontrolli tal-konformità *ex post* annwali, is-sejbiet tal-MSCAs huma limitati. Diversi Stati Membri nnutaw li huwa meħtieġ aktar żmien biex jinkiseb għarfien dwar ix-xejriet tal-importazzjoni u ċ-ċirkomvenzjoni potenzjali, u biex ikun hemm stampa aktar ċara bbażata fuq *data* rilevanti.

Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament. L-aħħar sejbiet mir-rapporti tal-MSCAs li huma inklużi f'din ir-reviżjoni għalhekk imorru lura għat-30 ta' Ġunju 2023 u jkopru l-kontrolli mwettqa fl-2022. Huwa importanti li wieħed jinnota li, wara li sar biss l-ewwel ċiklu ta' kontrolli annwali tal-konformità *ex post*, is-sejbiet tal-MSCAs huma limitati.

L-informazzjoni sottomessa lill-Kummissjoni permezz tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-MSCAs tikkonferma li fl-2021, l-MSCAs bdew b'sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni għall-operaturi u tħejjijiet għal kontrolli *ex post*. Għadd dejjem akbar ta' MSCAs bdew iwettqu kontrolli tal-konformità *ex post* fl-2022, li ħafna minnhom kienu ppjanati li jiġu konklużi fl-2023. B'kollox, il-Kummissjoni rċeviet rapporti ta' implimentazzjoni minn 22 mis-27 Stat Membru fit-30 ta' Ġunju 2023.

12 mit-22 Stat Membru kienu diġà ppjanaw jew bdew iwettqu kontrolli *ex post*: L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza (kontrolli pilota), il-Ġermanja, il-Lussemburgu, Malta u Spanja. Fil-Polonja, il-kontrolli *ex post* kienu għadhom ma bdewx, peress li l-bażi leġiżlattiva għalihom fil-Liġi Nazzjonali Pollakka kienet għadha ma

ġietx stabbilita.[23] Il-Portugall ħabbar li se jibda kontrolli *ex post* fit-tieni nofs tal-2023. Ma kinux twettqu kontrolli *ex post* fi Stati Membri oħra, peress li ma ġie identifikat l-ebda importatur ogħla mil-limiti tal-volum tal-importazzjoni stabbiliti fir-Regolament.

Fl-2022, abbażi tad-*data* doganali pprovduta mill-informazzjoni ta' rapportar tal-Istati Membri, kien hemm 8 286 importatur identifikat tal-Unjoni ta' minerali u metalli tat-3TG li minnhom 477 (6 %) importaw kwantitajiet ugwali għal jew ogħla mil-limiti tal-volum annwali. Ġew stabbiliti limiti biex jiġi żgurat li l-importazzjonijiet koperti jikkorrispondu għal mill-inqas 95 % tal-volumi totali tat-3TG importati fl-UE (ara t-taqsima III. 4. b). Hemm varjazzjoni wiesgħa fost l-Istati Membri fir-rigward tal-għadd ta' importaturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

Is-sejbiet jikkonfermaw li l-livell ta' konformità jvarja ħafna, u xi Stati Membri ma rrappurtaw l-ebda sejba konklużiva tal-kontrolli tal-konformità *ex post* tagħhom minħabba diversi raġunijiet, inkluż l-iżvilupp li għaddej tas-sistema tal-awditjar intern tagħhom, l-assenjazzjoni ta' awtorità kompetenti, jew minħabba l-fatt li kienu ilhom ftit żmien biss li rċevew id-*data* doganali rilevanti mill-awtoritajiet doganali tagħhom.

F'termini ta' implimentazzjoni mill-MSCAs, kemm l-istudju estern, kif ukoll ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-MSCAs jindikaw għadd ta' sfidi. L-Istati Membri rrapportaw li l-maġġoranza tal-importaturi tal-Unjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta tar-Regolament jiddependu fuq skemi ta' diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista li jistgħu jiffaċilitaw il-konformità tagħhom mar-Regolament. Madankollu, dan l-element ta' faċilitazzjoni għadu mhux applikabbli minħabba li l-Kummissjoni s'issa għadha ma rrikonoxxiet l-ebda skema (ara t-Taqsima III 3 a). Sfida oħra mqajma b'mod partikolari minn Stati Membri iżgħar hija n-nuqqas ta' kapaċità u riżorsi tal-MSCAs biex jinfurzaw ir-Regolament. L-MSCAs esprimew l-appoġġ tagħhom għal aktar skambji tal-aħjar prattiki u koordinazzjoni bejniethom. L-MSCAs ġibdu wkoll l-attenzjoni għal għadd ta' riskji relatati mal-importazzjonijiet tad-deheb tal-Unjoni (ara t-taqsima III 4. e.), kif ukoll sfidi għat-traċċabbiltà maħluqa minn materjali f'forma riċiklata jew prodotti lesti, li bħalissa jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, speċjalment fis-settur tad-deheb, fejn ir-riċiklaġġ jista' jkun assoċjat ma' materjali ta' kunflitt.

L-Istati Membri jibqgħu responsabbli għall-implimentazzjoni uniformi tar-Regolament, skont l-Artikolu 10(3). Biex tiffaċilita l-iskambji fost l-Istati Membri u tappoġġa implimentazzjoni uniformi tar-Regolament, il-Kummissjoni introduċiet għodod rilevanti, b'mod partikolari l-Laqgħat Trimestrali tal-Grupp ta' Esperti dwar it-Tiftix ta' Sorsi ta' Provvista Responsabbli ta' Landa, Tantalju, Tungstenu u Deheb (Grupp ta' Esperti tat-3TG), kif ukoll il-ħidma li għaddejja fuq l-istabbiliment ta' pjattaforma għall-iskambju sigur ta' *data* doganali rilevanti fost l-Istati Membri (Sistema ta' Monitoraġġ tal-Minerali Responsabbli). L-istudju ta' reviżjoni estern identifika l-Grupp ta' Esperti tat-3TG bħala pjattaforma effettiva għall-MSCAs u għall-Kummissjoni biex jiltaqgħu, jiskambjaw informazzjoni u jżidu l-konverġenza fl-infurzar.

Il-ħidma li għaddejja fuq pjattaforma għall-iskambju ta' *data* doganali, li bħalissa tinsab fil-fażi pilota, tista' tappoġġja l-iskambji tal-Istati Membri li għandhom l-għan li jimmonitorjaw u

[23] Il-Gvern tal-Polonja adotta att dwar il-modalitajiet tal-implimentazzjoni tar-Regolament fit-12 ta' Marzu 2024.

jipprevjenu l-prattiki ta' ċirkomvenzjoni mill-importaturi tal-Unjoni. B'mod speċifiku, il-pjattaforma se tippermetti lill-Istati Membri jikkondividu u jikkonsultaw l-informazzjoni doganali relatata mal-kumpanija importatriċi għall-minerali u l-metalli koperti mir-Regolament biex jimminimizzaw ir-riskju li l-importaturi jaqsmu l-vjeġġi u jimportaw permezz ta' Stati Membri differenti biex jibqgħu taħt il-limiti applikabbli tal-volum tal-importazzjoni imposti mir-Regolament.

3. Miżuri ta' akkumpanjament għar-Regolament

Din it-taqsima teżamina l-funzjonament u l-effettività tad-diversi għodod li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-Regolament. Dawn l-għodod huma elenkati fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 4 – Ħarsa ġenerali lejn l-għodod li jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-Regolament

Għodod li jappoġġjaw l-implimentazzjoni	Referenza fir-Regolament/Deskrizzjoni
a. Skemi ta' Diliġenza Dovuta tal-Katina tal-Provvista u l-Lista ta' Funderiji u Raffineriji Responsabbli ("Lista Bajda tal-UE")	Il-Premessa 14 u l-Artikolu 8 tar-Regolament, il-Premessa 16 u l-Artikolu 9 tar-Regolament
b. Lista ta' Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli (lista tas-CAHRAs)	L-Artikolu 14(2) tar-Regolament; Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1149 tal-10 ta' Awwissu 2018; Metodoloġija u lista żviluppati u aġġornati regolarment minn RAND Europe: CAHRAs (cahraslist.net)
c. Sħubija Ewropea għal Minerali Responsabbli (European Partnership for Responsible Minerals, EPRM)	Imnedija fl-2016 bħala inizjattiva b'diversi partijiet ikkonċernati li twettaq proġetti fis-settur tal-ASM tat-3TG. Forum bejn l-industrija, il-gvernijiet u s-soċjetà ċivili. https://europeanpartnership-responsibleminerals.eu/
d. Miżuri oħra deskritti fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-5 ta' Marzu 2014[24]	Djalogi ta' politika ma' pajjiżi terzi, Diplomazija dwar il-Materja Prima, Kooperazzjoni għall-Iżvilupp ma' pajjiżi terzi. Mill-2021, Sħubijiet Strateġiċi dwar il-Materja Prima ma' pajjiżi terzi[25].
e. Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Minerali Responsabbli (ReMIS)	Għodda volontarja online għall-kumpaniji downstream biex jippubblikaw informazzjoni dwar il-prattiki ta' diliġenza dovuta tagħhom.

[24] Il-KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Il-Provenjenza Responsabbli ta' minerali li joriġinaw f'żoni affettwati minn kunflitti u f'żoni ta' riskju għoli Lejn Approcc integrat tal-UE, JOIN/2014/08 final.

[25] Diplomazija dwar il-materja prima – il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

	L-għodda hija teknikament lesta biex titnieda u l-Kummissjoni qed tiffinalizza l-arranġamenti tal-protezzjoni tad-*data* mal-Istati Membri qabel ma tagħmel ir-ReMIS disponibbli għall-pubbliku.
f. Il-portal Due Diligence Ready!	B'enfasi speċifika fuq l-SMEs, l-għodda Due Diligence Ready! żviluppata mill-Kummissjoni hija operazzjonali u tintuża bħala għodda ta' appoġġ fl-isforzi ta' fehim u implimentazzjoni tad-diliġenza dovuta. Il-portal jappoġġja lill-SMEs biex: • jitgħallmu dwar il-benefiċċji li jistgħu jiksbu mit-twettiq tad-diliġenza dovuta fuq il-ktajjen tal-provvista tagħhom • jifhmu, jivvalutaw u jimmitigaw ir-riskji u l-impatti fil-ktajjen tal-provvista tagħhom relatati mat-tiftix ta' sorsi ta' provvista responsabbli • jifhmu u jimplimentaw il-Gwida tal-OECD dwar id-DD u jitgħallmu kif għandha ssir id-diliġenza dovuta għal tiftix ta' sorsi ta' provvista tal-minerali responsabbli (il-Gwida tal-OECD dwar id-DD tapplika għall-minerali kollha. Ir-riċerka u l-partijiet ikkonċernati intervistati indikaw il-ħtieġa għal appoġġ aktar gradwali u mmirat permezz tal-għodda. https://single-market-economy.ec.europa.eu/sectors/raw-materials/due-diligence-ready_en

a. Rikonoxximent tal-iskemi ta' diliġenza dovuta u l-"Lista Bajda" tal-UE

Ir-Regolament jirrikonoxxi li l-iskemi ta' diliġenza dovuta jistgħu jiffaċilitaw il-konformità tal-importaturi tal-Unjoni mar-rekwiżiti tar-Regolament. Skont l-Artikoli 3 u 8, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jirrikonoxxu skemi ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista bbażati fuq applikazzjonijiet minn sidien ta' skemi. Il-proċess għall-valutazzjoni u l-kriterji għar-rikonoxximent potenzjali tal-iskemi huwa deskritt f'Regolament Delegat[26], li huwa bbażat fuq il-metodoloġija żviluppata mill-OECD biex jiġu vvalutati l-iskemi ta' diliġenza dovuta għall-minerali, u b'hekk jiġi żgurat li tali skemi jissodisfaw b'mod effettiv l-istandards tar-Regolament.

[26] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/429 tal-11 ta' Jannar 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metodoloġija u l-kriterji għall-valutazzjoni u r-rikonoxximent ta' skemi ta' diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista li jikkonċernaw il-landa, it-tantalu, it-tungstenu u d-deheb, ĠU L 75, 19.3.2019, p. 59–65.

Bħalissa, ħames skemi jinsabu fil-proċess li jiġu vvalutati għar-rikonoxximent, u s'issa ma ġiet rikonoxxuta l-ebda skema. Il-valutazzjonijiet huma bbażati fuq analiżi dettaljata tad-dokumentazzjoni, intervisti mal-partijiet ikkonċernati involuti fl-iskemi u verifika fuq il-post, l-hekk imsejħa "awditi paralleli". Dawn jeżaminaw kemm il-politiki kif ukoll l-istandards tal-iskemi u kif dawn jiġu implimentati. L-iskeda għall-valutazzjonijiet, u b'mod partikolari għall-"awditi paralleli", intlaqtet ħafna mill-pandemija tal-Covid-19, u dan irriżulta f'dewmien fil-proċessi ta' valutazzjoni. L-istrettezza meħtieġa tal-kriterji, id-diversi passi tal-proċedura u l-ħtieġa li jitwettqu valutazzjonijiet bir-reqqa kif ukoll il-possibbiltà ta' applikazzjoni mill-ġdid, huma wkoll fatturi determinanti għad-durata tal-proċess ta' rikonoxximent.

L-intervisti mal-kumpaniji jikkonfermaw li ħafna minnhom diġà huma membri ta' skemi jew jallinjaw il-prattiki tagħhom ma' dawn l-iskemi, minkejja li għadhom mhumiex rikonoxxuti. Filwaqt li xi partijiet ikkonċernati semmew il-kost tal-iskemi ta' diliġenza dovuta bħala fattur potenzjali ta' limitazzjoni għall-konformità, il-kostijiet stmati jidhru li huma finanzjarjament proporzjonati għal ħafna atturi.

Barra minn hekk, xi partijiet ikkonċernati indikaw l-importanza tat-trasparenza tal-iskemi. L-iskemi jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-oriġini tal-materjali biex jikkonfermaw il-konformità mal-obbligi legali tar-Regolament. Madankollu, fil-maġġoranza tal-kontrolli *ex post* imwettqa mill-MSCAs fuq l-importaturi tal-Unjoni li jipparteċipaw fi skemi ta' diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista, l-importaturi ma setgħux jipprovdu lill-awtoritajiet b'informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini, kif meħtieġ mill-Artikolu 4 tar-Regolament. Għandu jkun hemm aktar impenn u skambju aktar mill-qrib bejn l-MSCAs, l-importaturi tal-Unjoni u l-iskemi fir-rigward ta' dawn l-isfidi ta' trasparenza.

Huwa importanti li jiġi indikat li, minkejja r-rikonoxximent ta' skemi bħala għodda biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni, l-importaturi tal-Unjoni jżommu r-responsabbiltà individwali li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-regolament irrispettivament minn jekk humiex parti minn skemi rikonoxxuti. Għalhekk, l-iskemi jistgħu jkunu għodod biex jiffaċilitaw il-konformità mill-importaturi tal-Unjoni, iżda ma jeżonerawhomx mir-responsabbiltà individwali tagħhom li jwettqu d-diliġenza dovuta.

Ir-Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi lista ta' funderiji u raffineriji responsabbli skont l-Artikolu 9 tar-Regolament. Biex tfassal il-lista, il-Kummissjoni għandha tqis il-funderiji u r-raffineriji koperti minn skemi rikonoxxuti ta' diliġenza dovuta, kif ukoll l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri. Peress li s'issa ma ġiet rikonoxxuta l-ebda skema, il-lista tal-UE għadha ma tfasslitx.

b. Il-lista tas-CAHRAs

Ir-Regolament jipprevedi assistenza lill-operaturi ekonomiċi fl-identifikazzjoni tas-CAHRAs. Skont l-Artikolu 14, il-Kummissjoni Ewropea żviluppat linji gwida mhux vinkolanti għall-identifikazzjoni ta' CAHRAs u riskji oħra tal-katina tal-provvista.[27] Inkarigat ukoll lil RAND Europe biex tipprovdi għarfien espert estern fil-forma ta' metodoloġija biex jiġu determinati l-pajjiżi li għandhom jitqiegħdu fil-lista tas-CAHRA, u biex tipprovdi lista indikattiva, mhux

[27] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1149 tal-10 ta' Awwissu 2018 dwar linji gwida mhux vinkolanti għall-identifikazzjoni ta' żoni affettwati minn kunflitti u żoni ta' riskju għoli u riskji oħra tal-katina tal-provvista skont ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 208, 17.8.2018, p. 94–106.

eżawrjenti u aġġornata regolarment ta' żoni affettwati minn kunflitti u żoni ta' riskju għoli.[28] Kif diġà ġie enfasizzat fin-nota 4 f'qiegħ il-paġna hawn fuq, il-lista tas-CAHRA pprovduta mill-għarfien espert estern (u l-informazzjoni pprovduta fuq is-sit web iddedikat għal din il-lista) ma tikkostitwixxix opinjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-UE dwar jekk reġjun jew żona speċifika hijiex CAHRA jew le kif definit fl-Artikolu 2(f) tar-Regolament (UE) 2017/821. Madankollu, il-lista tas-CAHRA sservi bħala għodda operazzjonali biex tiggwida l-isforzi ta' mitigazzjoni tar-riskju u tippermetti lill-kumpaniji japplikaw id-diliġenza dovuta f'konformità mar-Regolament tal-UE.

L-inklużjoni ta' żona bħala affettwata minn kunflitti u/jew ta' riskju għoli fil-lista ma tipprojbixxix, ma timplikax u ma tissuġġerixxix li ma għandhomx isiru attivitajiet kummerċjali f'din iż-żona. Il-lista tippermetti lill-kumpaniji jidentifikaw dawk l-oqsma fejn għandhom iwettqu diliġenza dovuta bbażata fuq ir-riskju sabiex jakkwistaw jew ikomplu jakkwistaw 3TGs bl-għajnuna tal-proċessi tal-kumpanija tad-diliġenza dovuta.

Il-kumpaniji intervistati fil-kuntest tal-istudju estern jikkonfermaw li l-lista tas-CAHRAs hija għodda utli biex jiġu vvalutati r-riskji ta' kunflitti reġjonali. Xi rispondenti jirrapportaw li jużawha flimkien ma' listi oħra għas-CAHRAs bħal dik prodotta mill-Inizjattiva tal-Minerali Responsabbli (Responsible Minerals Initiative, RMI). Partijiet ikkonċernati oħra ssuġġerew li l-għarfien tal-lista jista' jittejjeb. L-intervisti jikkonfermaw ukoll li huwa importanti li tkompli tiġi enfasizzata n-natura indikattiva mhux eżawrjenti tal-lista. F'termini tal-kontenut tal-lista, xi partijiet ikkonċernati ssuġġerew li jitqiesu l-bidliet tekniċi inkluża l-frekwenza tal-aġġornament u l-aġġornamenti għall-metodoloġija biex jiġu rfinati ż-żoni ġeografiċi, kif ukoll biex titqies l-inklużjoni ta' pajjiżi ta' tranżitu fil-lista.

c. Sħubija Ewropea għal Minerali Responsabbli (EPRM)

Is-Sħubija Ewropea għal Minerali Responsabbli (EPRM) tnediet fl-2016 biex tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Regolament li jmiss permezz ta' i) produzzjoni responsabbli, ii) tiftix ta' sorsi ta' provvista responsabbli, u iii) rabta bejn il-produzzjoni u t-tiftix ta' sorsi ta' provvista. L-EPRM, iffinanzjata b'mod predominanti mill-Kummissjoni Ewropea u minn xi Stati Membri, hija inizjattiva ta' diversi partijiet ikkonċernati u tiffunzjona bħala forum bejn l-industrija, il-gvernijiet u s-soċjetà ċivili. Għandha l-għan li tibni l-kapaċità fuq il-prattiki ta' diliġenza dovuta tul il-katina tal-provvista tat-3TG.

L-EPRM għandha żewġ objettivi ewlenin. L-ewwel wieħed huwa li l-SMEs jiġu appoġġjati fit-twettiq tad-diliġenza dovuta, permezz ta' għodod bħall-"Kontroll tad-Diliġenza Dovuta", li jipprovdi kwestjonarju biex jiġi vvalutat l-allinjament tal-kumpaniji mal-Gwida tal-OECD dwar id-DD u joffri pariri konkreti biex jittejbu l-prattiki, u ċ-"Ċentru tad-Diliġenza Dovuta", li jipprovdi informazzjoni mfassla apposta biex titwettaq id-diliġenza dovuta. It-tieni objettiv huwa li l-ASM tiġi appoġġjata biex tipproduċi b'mod aktar responsabbli u taċċessa s-swieq formali fil-livelli nazzjonali u internazzjonali. Għal dak l-għan, l-EPRM tiffinanzja proġetti fis-CAHRAs u għandha l-għan li tibni l-aħjar prattiki u kollaborazzjoni mal-atturi tal-katina tal-provvista tat-3TG biex jissaħħu l-prattiki responsabbli.[29]

[28] Il-lista hija disponibbli fuq https://www.cahraslist.net/.

[29] Matul il-perjodu 2017-2020, l-EPRM tat 18-il għotja jew forom oħra ta' sussidji għall-proġetti b'nefqa totali ta' EUR 6 miljun. Tliet proġetti pilota addizzjonali ntgħażlu u bdew l-implimentazzjoni fil-bidu tal-2022, b'Sejħa għal Proposta oħra mnedija fis-sajf tal-2023.

Matul is-snin, l-EPRM bniet għarfien dwar id-diliġenza dovuta, ipprovdiet forum għal diskussjonijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati, u kkonfermat il-valur miżjud tal-appoġġ għad-diliġenza dovuta upstream permezz ta' proġetti fuq il-post. It-twassil tar-riżultati, b'mod partikolari mill-2021, żdied b'mod sinifikanti. Is-sħubija tidher ukoll li hija allinjata aħjar mal-prijoritajiet tal-UE.

L-oqsma għal aktar titjib jinkludu l-ħtieġa li tiżdied il-bażi tas-sħubija, jiġu diversifikati s-sorsi ta' finanzjament tagħha, tiżdied is-sensibilizzazzjoni mal-pajjiżi produtturi, tissaħħaħ l-enfasi fuq is-sostenibbiltà u tittejjeb il-kapaċità tagħha ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-attivitajiet tagħha stess. Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati jenfasizzaw ukoll l-opportunità li jiġi ffaċilitat il-proċess ta' applikazzjoni għall-għoti ta' finanzjament mill-EPRM lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-partijiet ikkonċernati mis-CAHRAs, biex jitħarrġu aktar l-atturi lokali tal-katina tal-provvista fis-CAHRAs dwar il-mekkaniżmi ta' diliġenza dovuta, possibbilment b'mod konġunt mal-iskemi kollaborattivi tal-industrija, u biex jiġu estiżi r-rabtiet bejn il-benefiċjarji u l-operaturi ekonomiċi.

d. Miżuri oħra deskritti fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-5 ta' Marzu 2014 – Diplomazija dwar il-Materja Prima

Fir-rigward tad-Diplomazija dwar il-Materja Prima u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp lil hinn mill-programmi eżistenti bħall-EPRM, l-UE wettqet ħafna attivitajiet li jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tal-estrazzjoni minerarja f'pajjiżi sħab. It-tantalju u t-tungstenu, tnejn mill-materjali koperti mir-Regolament, jidhru wkoll fil-lista tal-UE ta' Materja Prima Kritika (Critical Raw Materials, CRMs) u għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' sforzi usa' tal-UE fil-qasam tas-CRMs. Eżempju ewlieni ta' tali sforzi, li jiffurmaw parti mid-dimensjoni esterna tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika[30], huwa l-ħidma fuq il-konklużjoni ta' Sħubijiet Strateġiċi dwar il-ktajjen tal-valur tal-materja prima bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi.

Tali Sħubijiet huma bbażati fuq Memorandum ta' Qbil (MtQ) bilaterali u mhux vinkolanti u pjan direzzjonali ta' azzjonijiet konkreti li għandhom jiġu miftiehma fi żmien 6 xhur mill-konklużjoni tal-MtQ. Il-pilastri ewlenin ta' dawn il-MtQ għandhom l-għan li jippromwovu standards ambjentali, soċjali u ta' governanza (environmental, social and governance, ESG) u prattiki ta' estrazzjoni responsabbli, jimmobilizzaw il-finanzjament għall-infrastruttura rilevanti, jibnu l-kapaċità, jikkooperaw fir-riċerka u l-innovazzjoni u jintegraw il-ktajjen tal-valur tal-materja prima billi jrawmu l-involviment tan-negozju u l-investimenti sostenibbli.

Sal-lum, l-UE diġà ffirmat Sħubijiet mal-Arġentina, l-Awstralja, il-Kanada, iċ-Ċilì, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Greenland, il-Każakistan, in-Namibja, in-Norveġja, ir-Rwanda, l-Ukrajna, l-Użbekistan, u ż-Żambja, bi Sħubijiet ulterjuri, b'mod partikolari ma' pajjiżi Afrikani oħra, li qed jitħejjew.

Din il-ħidma fuq is-Sħubijiet Strateġiċi hija komplementari għall-għanijiet tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-5 ta' Marzu 2014 u l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, li timxi id f'id mal-objettiv tal-promozzjoni ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista responsabbli tal-materja prima. Din il-

[30] COM(2023)160 final, https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:903d35cc-c4a2-11ed-a05c-01aa75ed71a1.0012.02/DOC_1&format=PDF

ħidma hija appoġġjata wkoll kull meta jkun xieraq minn djalogi politiċi li l-UE żżomm ma' pajjiżi ta' rilevanza mill-perspettiva ta' ktajjen tal-valur tal-minerali responsabbli.

e. Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Minerali Responsabbli (ReMIS)

Filwaqt li r-Regolament ma jistabbilixxix obbligi vinkolanti ta' diliġenza dovuta għall-operaturi ekonomiċi downstream, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-adozzjoni tad-diliġenza dovuta minn dawk l-operaturi (l-Artikolu 17(2) tar-Regolament). Biex twettaq din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni qed tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Minerali Responsabbli – ReMIS. Din hija għodda volontarja online għall-kumpaniji downstream biex jippubblikaw informazzjoni dwar il-prattiki ta' diliġenza dovuta tagħhom. Ir-ReMIS hija teknikament lesta biex titnieda, u l-Kummissjoni qed tiffinalizza l-arranġamenti tal-protezzjoni tad-*data* mal-Istati Membri. Peress li r-ReMIS għadha ma tnedietx, ma kienx possibbli li din l-ewwel reviżjoni twettaq valutazzjoni komprensiva tal-adozzjoni tad-diliġenza dovuta mill-kumpaniji downstream.

f. Il-portal "Due Diligence Ready!"

Il-Kummissjoni żviluppat speċifikament il-portal "Due Diligence Ready!"[31] biex tgħin lill-kumpaniji jiksbu minerali u metalli b'mod responsabbli u, jekk applikabbli, jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji, inkluż ir-Regolament (UE) 2017/821. Il-portal jipprovdi informazzjoni ġenerali[32] dwar l-obbligi ta' diliġenza dovuta kif ukoll sett ta' għodod[33] biex jgħinu fil-fluss tax-xogħol tad-diliġenza dovuta. Jipprovdi wkoll Webinars u materjal ta' taħriġ fil-format tal-PowerPoint[34], li jista' jitniżżel f'seba' lingwi (l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, il-Pollakk, il-Portugiż u l-Ispanjol). Barra minn hekk, il-portal joffri materjal ta' taħriġ (irreġistrat), fost l-oħrajn abbażi ta' sessjoni virtwali organizzata f'Ġunju 2023, indirizzata lill-SMEs fl-Ewropa u lill-assoċjazzjonijiet tal-industrija. L-objettiv ta' dik is-sessjoni ta' taħriġ virtwali kien li:

- Tistabbilixxi l-kuntest tar-Regolament tal-UE billi tħares lejn l-objettivi, il-kamp ta' applikazzjoni u s-sitwazzjoni attwali.
- Tipprovdi gwida prattika lill-SMEs biex jimplimentaw id-diliġenza dovuta fil-kumpaniji tagħhom stess.
- Tiffoka r-rakkomandazzjonijiet għall-kuntest tal-SMEs fl-Ewropa, li x'aktarx ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' riżorsi limitati biex jimplimentaw prattiki ta' diliġenza dovuta.
- Tfakkar lill-kumpaniji fl-għodod disponibbli fis-settur biex jappoġġjawhom, u li l-portal tad-DDR għandu l-għan li jiġborhom f'post wieħed biex il-kumpaniji jaċċessawhom faċilment. Għandha tfakkar lill-kumpaniji wkoll fis-servizz konsultattiv tal-SMEs fejn huma jistgħu jirrikorru f'każ ta' mistoqsijiet.

Fi Frar 2023 tnieda servizz ta' pariri bl-email bla ħlas[35], li permezz tiegħu l-esperti tal-proġetti kienu disponibbli biex jispjegaw u jiggwidaw lill-SMEs li jimportaw 3TGs dwar kif jimplimentaw ir-Regolament. Din in-notifika bl-email kienet disponibbli wkoll f'seba' lingwi.

[31] https://single-market-economy.ec.europa.eu/sectors/raw-materials/due-diligence-ready_en
[32] https://single-market-economy.ec.europa.eu/sectors/raw-materials/due-diligence-ready/about_en
[33] https://single-market-economy.ec.europa.eu/sectors/raw-materials/due-diligence-ready/due-diligence-toolbox_en
[34] https://single-market-economy.ec.europa.eu/sectors/raw-materials/due-diligence-ready/training-and-events_en
[35] https://single-market-economy.ec.europa.eu/sectors/raw-materials/due-diligence-ready/about_en#free-email-advisory

Ir-riċerka mwettqa għall-finijiet tal-istudju estern dwar ir-reviżjoni tar-Regolament, kif ukoll il-partijiet ikkonċernati intervistati, indikaw speċifikament l-importanza ta' appoġġ immirat permezz tal-għodda, li għaddejja minn titjib u aġġornamenti kontinwi.

4. Elementi addizzjonali tar-reviżjoni li jista' jkollhom impatt fuq l-effettività tar-Regolament

Minbarra l-elementi espliċitament preskritti mill-artikolu ta' reviżjoni tar-Regolament, ir-reviżjoni eżaminat kwistjonijiet ulterjuri li jista' jkollhom impatt fuq il-funzjonament u l-effikaċja tar-Regolament. Dawn jinkludu valutazzjoni fir-rigward tal-kopertura eżistenti tar-Regolament (riskji relatati mal-limiti u mal-kummerċ illeċitu tad-deheb), il-kamp ta' applikazzjoni f'termini ta' minerali u r-riskji koperti mill-obbligi ta' diliġenza dovuta, kif ukoll l-interkonnessjonijiet possibbli ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-UE fis-settur tal-estrazzjoni (ir-Regolament dwar il-Batteriji, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, id-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva).

Livelli limitu tal-volum tal-importazzjoni

Ir-Regolament għandu kamp ta' applikazzjoni globali, jiġifieri kwalunkwe importatur tat-3TG irrispettivament mill-oriġini b'volum ta' importazzjoni annwali li jaqbeż il-limiti stabbiliti fl-Anness I huwa soġġett għall-obbligi ta' diliġenza dovuta. L-importaturi li jaqgħu taħt dawn il-limiti m'għandhomx obbligu legali skont ir-Regolament, iżda huma mħeġġa jwettqu d-diliġenza dovuta fuq bażi volontarja. Il-limiti fl-Anness ġew stabbiliti biex jiġi żgurat li l-importazzjonijiet koperti jikkorrispondu għal mill-inqas 95 % tal-volumi totali tat-3TG importati fl-UE, sabiex il-maġġoranza l-kbira tal-importazzjonijiet tkun koperta mir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta filwaqt li fl-istess ħin jiġi evitat piż amministrattiv mhux ġustifikat fuq l-SMEs u l-importaturi b'volum baxx.

Filwaqt li l-istudju estern jikkonkludi li l-limiti jistgħu jilħqu b'mod effettiv l-objettiv li l-SMEs jinħelsu minn piż amministrattiv eċċessiv, tqajjem tħassib mill-partijiet ikkonċernati li l-limiti eżistenti jistgħu jirriżultaw fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni mill-importaturi tal-Unjoni. Barra minn hekk, xi partijiet ikkonċernati esprimew tħassib li l-limiti stabbiliti jeskludu l-importazzjonijiet ta' riskju għoli, u jeżentawhom mir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta. Dan it-tħassib huwa partikolarment rilevanti fil-każ tad-deheb, meta jitqies il-valur monetarju potenzjalment għoli ta' importazzjonijiet ta' volum żgħir li jaqgħu taħt il-limiti, kif ukoll il-fatt li l-importazzjonijiet ta' riskju għoli jistgħu jkunu assoċjati wkoll ma' kwantitajiet ta' importazzjoni relattivament baxxi.

Dawn il-kwistjonijiet jeħtieġu monitoraġġ bir-reqqa. Madankollu, bħalissa m'hemm l-ebda evidenza ċara ta' prattiki ta' ċirkomvenzjoni (eż., il-qsim tal-importazzjonijiet bejn diversi importaturi biex jibqgħu taħt il-limiti) identifikati mill-istudju estern jew irrapportati lill-Kummissjoni mill-MSCAs. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jaħdmu mill-qrib biex jiżguraw monitoraġġ kontinwu tax-xejriet tal-importazzjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni qed tħejji għodda tal-IT, l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Minerali Responsabbli (Responsible Minerals Monitoring Tool, RMT), pjattaforma online li tippermetti skambju sigur ta' *data* doganali fost l-MSCAs.

Fid-dawl tan-nuqqas ta' *data* adegwata sal-lum, l-istudju kkonkluda li huwa prematur li jiġu kkunsidrati l-modifiki tal-livelli limitu jew ir-reviżjoni tal-metodoloġija tal-kalkolu tal-livell limitu. Għalhekk, l-isforzi ta' implimentazzjoni se jiffukaw fuq l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-MSCAs bil-ħsieb li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u l-għarfien kwantitattiv dwar id-*data* kummerċjali diretta u indiretta, l-investiment u x-xejriet tal-qsim tal-profitti; b'hekk tkun tista' ssir analiżi aktar profonda tal-impatt potenzjali tal-limiti fil-futur.

Kummerċ illeċitu tad-deheb

Ir-Regolament jirrikonoxxi li l-kummerċ illeċitu jorbot indirettament lill-konsumaturi ma' kunflitti li għandhom impatti severi fuq id-drittijiet tal-bniedem barra mill-UE. L-istudju estern jenfasizza li ċ-ċentri ta' tranżitu għandhom rwol fil-ktajjen tal-provvista globali tat-3TG billi jorbtu d-deheb potenzjalment miksub u nnegozjat b'mod illeċitu mas-suq tal-UE.

Il-kwistjoni tal-kummerċ illeċitu, speċjalment għad-deheb minħabba l-karatteristiċi inerenti tiegħu, hija estremament kumplessa u multidimensjonali. Id-diliġenza dovuta hija waħda mill-għodod disponibbli fl-isforzi internazzjonali għall-ġlieda kontra l-kuntrabandu. F'dan ir-rigward, hemm strumenti bħal skemi ta' diliġenza dovuta u mekkaniżmi ta' traċċabbiltà biex jgħinu fl-indirizzar tar-riskji ta' kummerċ illeċitu fi stadji differenti tal-katina tal-provvista. L-għodod fi ħdan il-qafas tar-Regolament jista' jkollhom rwol pożittiv biex jiġi indirizzat il-kummerċ illeċitu lejn l-UE. Pereżempju, l-inklużjoni ta' pajjiżi ta' tranżitu transfruntieri u ċentri oħra ta' minerali u metalli importati mis-CAHRAs fil-lista tas-CAHRA tista' tikkontribwixxi għal valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-oriġini tal-metalli/minerali mix-xerrejja.

Kamp ta' applikazzjoni materjali

Ir-Regolament jistabbilixxi obbligi ta' diliġenza dovuta għal erba' minerali u metalli: landa, tantalju, tungstenu u deheb. Ir-raġuni wara din l-għażla fiż-żmien tal-adozzjoni tar-Regolament hija maqsuma fi tlieta. L-ewwel nett, it-3TG huma l-erba' minerali li ħafna drabi huma assoċjati ma' kunflitti armati u abbużi relatati tad-drittijiet tal-bniedem. It-tieni nett, ir-Regolament jibbaża fuq prinċipji stabbiliti sew tal-Gwida tal-OECD dwar id-DD. Filwaqt li l-Gwida tapplika fil-prinċipju għall-minerali kollha, din tinkludi żewġ supplimenti speċifikament dwar it-3TG, imfassla għall-isfidi assoċjati mal-istruttura tal-ktajjen tal-provvista ta' dawn l-erba' minerali. It-tielet, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament huwa allinjat mal-isforzi ta' sħab oħra – pereżempju, l-Istati Uniti għandhom ukoll leġiżlazzjoni dwar minerali ta' kunflitt: It-Taqsima 1502 tad-Dodd-Frank Wall Street Reform and Consumer Act tal-2010 tkopri l-istess erba' prodotti, għalkemm b'ambitu ġeografiku aktar ristrett (peress li tiffoka fuq ir-RDK u l-pajjiżi ġirien).

Lil hinn mit-3TG, minerali u metalli oħra li huma kritiċi għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jistgħu jkunu assoċjati ma' riskji relatati mal-kunflitti, minħabba d-domanda kbira attwali u projettata tagħhom u l-fatt li jeżistu depożiti kbar f'reġjuni soċjalment u/jew ambjentalment fraġli. Għal din ir-raġuni, ir-reviżjoni tfittex li tanalizza jekk l-introduzzjoni ta' minerali/metalli oħra taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tkunx meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv tal-prevenzjoni tal-finanzjament ta' gruppi armati u forzi tas-sigurtà f'CAHRAs rikki fir-riżorsi. B'mod speċifiku, l-istudju estern ivvaluta l-kobalt, ir-ram, il-litju u n-nikil f'termini tal-istruttura tal-produzzjoni tagħhom u l-esponiment għal riskji komparabbli bħat-3TG. Dawn l-erba' minerali jidhru fil-lista tal-UE ta' materja prima kritika, bir-ram, il-litju u n-nikil ukoll

meqjusa bħala materja prima strateġika[36]. Għalhekk, dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika. Barra minn hekk, il-kobalt, il-litju u n-nikil huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Batteriji u għalhekk huma koperti mir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta minquxa fih.

Il-kobalt huwa metall versatili użat f'diversi applikazzjonijiet, inklużi l-batteriji kif ukoll is-setturi ajruspazjali, tad-difiża u mediċi. Ir-RDK tforni aktar minn 70 % tas-suq globali. Il-mineral jiġi estratt primarjament bħala prodott sekondarju tal-estrazzjoni tar-ram fuq skala kbira fil-provinċji tan-Nofsinhar ta' Haut-Katanga u Lualaba li ma jiffaċċjawx il-preżenza sinifikanti ta' gruppi armati mhux statali. Iċ-Ċina tikkontrolla 70 % tal-ipproċessar globali ta' intermedji tal-kobalt[37] u hija rrappreżentata sew fl-estrazzjoni tal-kobalt bi 15 mid-19-il operazzjoni industrijali kkontrollati minn interessi Ċiniżi, filwaqt li l-produzzjoni tal-estrazzjoni artiġjanali tinxtara wkoll fil-biċċa l-kbira mir-raffineriji Ċiniżi, inkluż Huayou Cobalt.[38] Il-maġġoranza tal-provvista tal-kobalt tintuża fil-manifattura tal-batteriji, speċjalment għall-batteriji tal-litju-jone, użati fl-elettronika għall-konsumatur, fil-vetturi elettriċi u fis-sistemi tal-ħżin tal-enerġija.

Ir-ram huwa metall użat ħafna fit-tagħmir elettriku, il-kostruzzjoni, il-makkinarju industrijali, u l-ligi. Iċ-Ċilì jiddomina l-produzzjoni tar-ram, b'operazzjonijiet industrijali kbar bħall-minjieri Escondida jew Andina. Bħalissa, il-Perù, l-Indoneżja u l-Mongolja jinsabu fil-proċess li jiftħu minjieri ġodda[39], filwaqt li r-RDK hija stmata li ssir it-tieni produttur globali tar-ram sal-2026.[40] Peress li huwa metall primarju, l-estrazzjoni tar-ram spiss hija marbuta mal-estrazzjoni tal-kobalt, kif inhu l-każ taċ-ċintorin tar-ram fir-RDK. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-estrazzjoni tal-mineral tar-ram issir permezz ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira, il-produzzjoni artiġjanali tar-ram teżisti wkoll peress li l-minaturi spiss jibdlu bejn ir-ram u l-kobalt skont il-prezzijiet globali.

Il-litju huwa metall ħafif użat fil-batteriji tal-litju-jone, b'mod partikolari għall-vetturi elettriċi.[41] Il-litju jintuża wkoll fil-ligi, il-ħġieġ, iċ-ċeramika, il-lubrikanti u l-farmaċewtiċi. Dan jinstab primarjament fi blat ignej (spodumene) u sorsi tal-ilma minerali (salmura), bil-maġġoranza tal-produzzjoni tiegħu ġejja mill-Awstralja u ċ-Ċilì. Ir-riżervi globali tal-litju huma ddominati minn ftit pajjiżi, inklużi ċ-Ċilì, l-Arġentina u l-Bolivja.[42] L-estrazzjoni minerarja tal-litju tirrikjedi estrazzjoni mekkanizzata fuq skala kbira minħabba depożiti ta' grad baxx, li jagħmlu inqas adattat għall-estrazzjoni artiġjanali u fuq skala żgħira. Madankollu, bi skoperti reċenti sinifikanti fir-RDK[43] u fiż-Żimbabwe,[44] f'dawn il-pajjiżi qed jiżviluppa settur tal-minjieri artiġjanali.

In-nikil huwa element metalliku użat ħafna, kruċjali għat-tkabbir tal-pjanti u jinsab b'mod komuni fl-azzar inossidabbli u fil-batteriji tal-vetturi elettriċi. Bħalissa, in-nikil huwa fil-biċċa l-kbira estratt f'ambjenti industrijali fl-Indoneżja, il-Filippini, ir-Russja u t-territorju ekstra-

[36] Materja prima kritika - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)
[37] Andrew Gulley, (2022) "One hundred years of cobalt production in the Democratic Republic of the Congo". *Resources Policy* 79: 103007; AIE (2021) "The Role of Critical Minerals in Clean Energy Transitions".
[38] Dionne Searcey, Michael Forsythe, u Eric Lipton, "A Power Struggle Over Cobalt Rattles the Clean Energy Revolution", *New York Times*, l-20 ta' Novembru 2021.
[39] Forum Ekonomiku Dinji (2022), "Which countries produce the most copper".
[40] *Reuters* (2023) "Congo could seize Peru's No. 2 copper spot as Andean output slows".
[41] Il-Forum Ekonomiku Dinji. 2023.Din iċ-ċart turi liema pajjiżi jipproduċu l-aktar litju.
[42] Natural Resources Canada. n.d., "Lithium Facts."
[43] *Resource World Magazine*, "Tantalex Lithium's Titan plant construction 80% complete, DRC", 2023.
[44] *Reuters*, "Premier African Minerals completes Zimbabwe lithium plant, production imminent" , 2023.

Ewropew Franċiż ta' New Caledonia.[45] L-estrazzjoni artiġjanali tan-nikil ġiet innotata fil-Filippini u fl-Indoneżja. L-ebda studju ma jindika użu sistemiku tar-rikavati min-nikil fil-finanzjament ta' gruppi armati. L-estrazzjoni tan-nikil teħtieġ investiment sinifikanti u proċessi mekkanizzati, u b'hekk tillimita l-estrazzjoni artiġjanali.

Filwaqt li d-diliġenza dovuta tal-ktajjen tal-provvista u tal-valur hija rilevanti ħafna wkoll għal metalli u minerali oħra, mhuwiex rakkomandabbli li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jiġi estiż f'dan l-istadju għal żewġ raġunijiet ewlenin. L-ewwel nett, il-minerali/metalli l-oħra huma kkaratterizzati minn sfidi differenti f'termini ta' struttura tal-produzzjoni (fil-biċċa l-kbira permezz ta' estrazzjoni minerarja fuq skala kbira), konnessjonijiet tal-katina tal-valur u riskji assoċjati possibbli. It-tieni, japplikaw (jew se japplikaw) biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni għal dawn il-minerali/metalli l-oħra - b'mod partikolari r-Regolament dwar il-Batteriji u d-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva (ara t-taqsima hawn taħt). B'mod partikolari, ir-Regolament dwar il-Batteriji fl-Anness X tiegħu jelenka l-kategoriji ta' riskju u l-istrumenti ta' diliġenza dovuta rikonoxxuti internazzjonalment applikabbli għar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta stabbiliti fir-Regolament dwar il-Batteriji u li jkopru speċifikament il-kobalt, in-nikil, il-grafit naturali u l-litju. Dawn il-kategoriji jinkludu d-drittijiet tal-bniedem, bħat-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat (l-Anness X, il-punt 2 (b)). Il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli hija elenkata wkoll taħt il-punt 4 (f) bħala wieħed mill-istrumenti rilevanti rikonoxxuti internazzjonalment applikabbli. Għalhekk, filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni materjali taż-żewġ Regolamenti ma jikkoinċidix, l-obbligi ta' diliġenza dovuta fiż-żewġ strumenti jindirizzaw ir-riskji tal-Anness II tal-Gwida tal-OECD dwar id-DD.

Iż-żieda ta' aktar metalli fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tista' għalhekk tiddupplika r-rekwiżiti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u tirriskja li tagħmel ix-xenarju regolatorju għall-atturi ekonomiċi kumpless u toħloq konfużjoni dwar il-modi li bihom għandha ssir id-diliġenza dovuta tal-minerali. B'riżultat ta' dan, il-prijorità għalissa għandha tkun progress kontinwu lejn l-implimentazzjoni tar-Regolament fil-forma attwali tiegħu, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari — anke fil-kuntest ta' reviżjonijiet futuri ta' dan ir-Regolament u ta' leġiżlazzjoni oħra dwar id-diliġenza dovuta — għal kif jibqgħu jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà tad-diversi biċċiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-diliġenza dovuta rilevanti f'dan il-kuntest.

Riskji koperti

F'termini ta' riskji koperti mill-obbligi ta' diliġenza dovuta, ir-Regolament ikopri r-riskji assoċjati ma' kunflitt armat u abbużi relatati tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-Gwida tal-OECD dwar id-DD u l-Anness II tagħha ("abbużi serji assoċjati mal-estrazzjoni, it-trasport jew il-kummerċ tal-minerali"). Ir-riskji ambjentali la huma koperti mir-Regolament u lanqas mill-Gwida tal-OECD dwar id-DD. Madankollu, hemm rabtiet identifikabbli bejn l-impatt ambjentali tal-minjieri u l-kunflitt armat. Minn naħa waħda, l-interferenza tal-gruppi armati statali u mhux statali fl-attivitajiet tal-estrazzjoni jista' jkollha impatti ambjentali negattivi. Min-naħa l-oħra, il-kunflitt jista' jirriżulta minn deterjorament ambjentali kkawżat mill-

[45] Natural Resources Canada. n.d. "Nickel facts."

attivitajiet tat-3TG, inklużi kwistjonijiet bħall-ispostament tal-popolazzjoni, id-degradazzjoni tal-ħamrija, l-aċċess limitat għall-ikel, u d-disponibbiltà tal-ilma kompromessa.

Tali rabtiet bejn l-ambjent u l-kunflitt jista' jkollhom rwol vis-à-vis l-effettività tar-Regolament, peress li d-diliġenza dovuta ambjentali tista' potenzjalment tikkontribwixxi għal wieħed mill-objettivi ewlenin tar-Regolament, li l-kummerċ tat-3TG jiġi sseparat mill-kunflitt armat. Fl-istess ħin, id-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva (Directive on Corporate Sustainability Due Diligence, CSDDD) (meta tkun fis-seħħ) diġà se testendi l-obbligi tad-diliġenza dovuta għall-aspetti ambjentali. Bħala tali, ħafna operaturi tal-UE tul il-ktajjen tal-provvista tal-minerali, se jkollhom iwettqu diliġenza dovuta ambjentali. Barra minn hekk, bħalissa, ir-Regolament huwa bbażat fuq il-Gwida tal-OECD dwar id-DD. Għalhekk, iż-żieda tad-diliġenza dovuta ambjentali mar-Regolament (li bħalissa mhijiex koperta mill-Gwida tal-OECD dwar id-DD) tista' tirriskja li tagħmel ix-xenarju regolatorju għall-atturi ekonomiċi aktar kumpless u, minħabba leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, toħloq konfużjoni dwar il-modi li bihom għandha ssir id-diliġenza dovuta tal-minerali. B'riżultat ta' dan, il-prijorità għalissa għandha tkun li jkompli jsir progress lejn l-implimentazzjoni tar-Regolament fil-forma attwali tiegħu.

Koerenza bejn ir-Regolament u leġiżlazzjoni oħra tal-UE

Ir-Regolament huwa l-ewwel leġiżlazzjoni tal-UE ffukata fuq id-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, ġew żviluppati diversi inizjattivi leġiżlattivi li jistgħu jinteraġixxu mal-objettiv, il-kamp ta' applikazzjoni u l-enfasi tiegħu f'diversi gradi. It-tabella ta' hawn taħt tqabbel il-kopertura ġeografika, materjali u korporattiva, l-obbligi ta' diliġenza dovuta, ir-rwol tar-rikonoxximent tal-iskemi u l-obbligazzjonijiet tar-Regolament mas-CSDDD, ir-Regolament dwar il-Batteriji, ir-Regolament li jistabbilixxi Qafas għall-Istabbiliment ta' Rekwiżiti tal-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (Setting Ecodesign Requirements for Sustainable Products, ESPR), l-Att dwar il-Materja Prima Kritika (Critical Raw Materials Act, CRMA) u r-Regolament dwar il-Projbizzjoni tal-Prodotti Magħmulin b'Xogħol Furzat fis-suq tal-Unjoni (ir-Regolament dwar ix-Xogħol Furzat).

Element komuni importanti huwa l-kopertura ġeografika peress li dawn l-istrumenti leġiżlattivi kollha għandhom firxa globali potenzjali (minkejja l-enfasi speċifika tar-Regolament fuq is-CAHRAs). F'termini ta' kopertura materjali, ir-Regolament dwar il-Batteriji, bħal dan ir-Regolament, japplika għal kamp ta' applikazzjoni ristrett ta' prodotti/minerali iżda ma hemm l-ebda trikkib bejn it-tnejn. Is-CRMA jidentifika t-tantalju u t-tungstenu bħala materja prima kritika fl-Anness II tiegħu. L-istrumenti l-oħra, b'mod partikolari s-CSDDD, ma jiddefinixxux kopertura materjali limitata iżda pjuttost japplikaw orizzontalment. F'termini tal-kopertura korporattiva, jiġifieri l-operaturi ekonomiċi soġġetti għar-rekwiżiti, strumenti orizzontali bħas-CSDDD se japplikaw għal atturi ekonomiċi kbar, filwaqt li l-entitajiet soġġetti għar-rekwiżiti fir-Regolament huma definiti bil-fokus materjali speċifiku tiegħu u bil-limiti tal-volum tal-importazzjoni (li jimplikaw ukoll flessibbiltajiet speċifiċi mmirati lejn l-SMEs filwaqt li mhumiex espliċitament eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni).

F'termini ta' rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, ir-Regolament għandu approċċ immirat (jiġifieri d-diliġenza dovuta hija meħtieġa li titwettaq bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-ktajjen tal-provvista ma jiffinanzjawx kunflitt armat u abbużi relatati tad-drittijiet tal-bniedem), allinjat mal-Gwida tal-OECD dwar id-DD. Ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta tas-CSDDD u tar-Regolament dwar il-

Batteriji huma aktar estensivi peress li jkopru wkoll kwistjonijiet ambjentali, kif ukoll ir-riskji soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem b'mod aktar wiesa'. La s-CRMA, l-ESPR u lanqas ir-Regolament dwar ix-Xogħol Furzat ma jimponu obbligi ta' diliġenza dovuta.

F'termini ta' rikonoxximent tal-iskemi, ir-Regolament, is-CRMA u r-Regolament dwar il-Batteriji jipprevedu din il-possibbiltà. L-iskemi li bħalissa qed jiġu vvalutati fil-kuntest tar-Regolament (ara t-Taqsima III 3.a.), ikopru speċifikament it-3TGs.

Tabella 5 – Tqabbil bejn ir-Regolament u inizjattivi leġiżlattivi rilevanti oħra

	Ir-Regolament	CSDDD	Ir-Regolament dwar il-Batteriji	ESPR	CRMA	Ir-Regolament dwar ix-Xogħol Furzat
Kopertura Ġeografika	Globali b'enfasi fuq is-CAHRAs	Globali	Globali b'xi enfasi fuq is-CAHRAs	Globali	Globali	Globali
Kopertura materjali	3TG	Orizzontali	Kobalt, litju, nikil, grafit naturali	Trażversali b'xi limitazzjonijiet tal-prodott	34 CRM fl-Anness II inklużi t-tantalju u t-tungstenu	Orizzontali
Kopertura Korporattiva	Importaturi tat-3TG skont il-limiti stabbiliti	Atturi ekonomiċi > 1000 impjegat u fatturat annwali ta' > EUR 450 miljun	Għall-obbligi ta' diliġenza dovuta: Operaturi ekonomiċi li jintroduċu jew iqiegħdu fis-servizz batteriji fis-suq tal-UE u b'fatturat annwali ta' ≥ EUR 40 miljun	Il-kumpaniji kollha, b'eżenzjoni mill-obbligi dwar il-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa għall-intrapriżi żgħar u mikro	Mhux applikabbli	Orizzontali
Obbligi ta' Diliġenza Dovuta	Riskji u impatti negattivi assoċjati ma' kunflitti u abbużi relatati tad-drittijiet tal-bniedem	Drittijiet tal-bniedem u l-ambjent	Soċjali, drittijiet tal-bniedem u ambjentali	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Rikonoxximent ta' skemi	Iva	Le	Iva (il-metodoloġija għadha ma ġietx iddeterminata)	Mhux applikabbli	Iva	Mhux applikabbli
Obbligazzjonijiet	L-Istati Membri jiddeterminaw ir-regoli applikabbli għall-ksur	L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw penali amministrattivi għan-nuqqas ta' konformità u r-responsabbiltà ċivili f'każ ta' ħsara lid-detenturi tad-drittijiet	L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-penali għan-nuqqas ta' konformità; restrizzjoni tal-bejgħ ta' batteriji bħala l-aħħar għażla	L-Istati Membri jiddeterminaw is-sanzjonijiet	Mhux applikabbli	Projbizzjonijiet tas-suq fuq il-prodotti; L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-penali għan-nuqqas ta' konformità mal-projbizzjonijiet

Fil-qosor, minn naħa waħda r-Regolament jirrikjedi l-implimentazzjoni tad-diliġenza dovuta għal sett pjuttost dejjaq ta' minerali u metalli, u sett speċifiku ta' riskji. Min-naħa l-oħra, uħud mill-oqfsa regolatorji tal-UE li diġà ġew adottati reċentement (jew dalwaqt) jestendu d-diliġenza dovuta tul il-katina tal-valur biex jindirizzaw firxa wiesgħa ta' prodotti u kwistjonijiet soċjoekonomiċi, ta' sikurezza tal-ħaddiema u ambjentali, u b'hekk jgħinu biex jiġu żgurati ktajjen tal-provvista u tal-valur tal-UE siguri u sostenibbli ta' minerali kritiċi u mhux biss. Xi wħud minn dawn ir-regolamenti jinteraġixxu parzjalment mar-Regolament f'termini ta' kamp

ta' applikazzjoni materjali, kopertura korporattiva u rekwiżiti. Madankollu, fil-kamp ta' applikazzjoni attwali tagħha, l-interazzjoni hija limitata, spiss komplementari u ma tidhirx li tirrappreżenta piż regolatorju addizzjonali sinifikanti fuq l-isforzi ta' diliġenza dovuta tal-minerali fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE.

IV. KONKLUŻJONI

Billi għaddew sentejn biss minn meta bdew japplikaw ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta operazzjonali tar-Regolament, din l-ewwel reviżjoni obbligatorja waslet fi stadju bikri ħafna fl-implimentazzjoni tar-Regolament. L-introduzzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tad-diversi aspetti tar-Regolament u tal-miżuri ta' akkumpanjament iffaċċjaw xi dewmien addizzjonali minħabba pereżempju l-pandemija tal-COVID-19 u sfidi oħra ta' implimentazzjoni li se jiġu indirizzati kontinwament f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Għalhekk, dan l-ewwel rapport ta' reviżjoni ma jislet l-ebda konklużjoni definittiva dwar ħafna mill-aspetti eżaminati. Madankollu, jipprovdi indikazzjonijiet utli dwar il-funzjonament u l-effettività tar-Regolament u jidentifika oqsma li għandhom jiġu evalwati aktar fil-kuntest tar-reviżjonijiet li jmiss.

Konklużjonijiet ewlenin

Fir-rigward tal-impatti tar-Regolament fuq il-post fil-pajjiżi terzi produtturi tat-3TG u b'mod partikolari f'żoni affettwati minn kunflitti u f'żoni ta' riskju għoli, l-istudju estern identifika impatti limitati fost il-partijiet ikkonċernati lokali li jistgħu jiġu attribwiti direttament għar-Regolament. Minħabba t-tfassil tar-Regolament li jistabbilixxi rekwiżiti vinkolanti ta' diliġenza dovuta fuq l-importazzjonijiet tal-UE, huma meħtieġa aktar żmien u *data* upstream fil-katina tal-provvista biex ikun jista' jiġi distint l-impatt tar-Regolament f'pajjiżi terzi minn sforzi globali usa' għall-promozzjoni tad-diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-provvista tal-minerali. Minħabba ż-żieda fl-isforzi internazzjonali dwar id-diliġenza dovuta fir-rigward tat-3TG, se jibqa' diffiċli li l-impatti fil-pajjiżi produtturi jiġu attribwiti speċifikament għar-Regolament. Madankollu, huwa inkoraġġanti li f'diversi pajjiżi terzi eżaminati, jeżistu sforzi internazzjonali usa' minn ħafna atturi fis-settur tat-3TG biex javvanzaw id-diliġenza dovuta allinjata mal-OECD f'konformità mal-objettivi tar-Regolament.

Fl-UE, l-Istati Membri għamlu progress fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw ir-Regolament. Ġew stabbiliti MSCAs u twettqu l-ewwel ċikli ta' kontrolli tal-konformità *ex post* fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fir-rigward tal-importaturi tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Madankollu, l-MSCAs għadhom jiffaċċjaw sfidi, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza u l-aċċess għal informazzjoni rilevanti dwar id-diliġenza dovuta. Filwaqt li l-awditi ta' partijiet terzi indipendenti jikkostitwixxu parti ewlenija mir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta, in-nuqqas ta' awdituri kwalifikati ġie rrapportat kemm mill-operaturi ekonomiċi kif ukoll mill-MSCAs bħala sfida sinifikanti fl-implimentazzjoni tar-Regolament. Barra minn hekk, ir-reviżjoni identifikat grad differenti ta' kapaċitajiet u riżorsi fost l-MSCAs, li jindika l-ħtieġa li jkomplu jittejbu l-involviment u l-iskambji bejniethom, b'mod partikolari biex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tar-Regolament u biex jiġu evitati tentattivi biex jiġu evitati r-rekwiżiti.

Fir-rigward tal-kost tal-konformità, kif ukoll l-għodod ta' akkumpanjament tar-Regolament, ir-reviżjoni kkonfermat li l-iskemi ta' diliġenza dovuta jistgħu jappoġġaw il-konformità u jitqiesu bħala għodda ġeneralment affordabbli. Ir-rwol tal-iskemi, madankollu, jeħtieġ li jiġi ċċarat kontinwament biex tiġi evitata dipendenza żejda fuq l-iskemi, peress li l-operaturi ekonomiċi jibqgħu individwalment responsabbli biex jikkonformaw mar-Regolament irrispettivament minn jekk jipparteċipawx f'tali skemi (inkluż meta l-iskema tkun ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni). Il-lista tas-CAHRAs li titfassal u tiġi aġġornata abbażi ta' għarfien espert estern hija għodda utli li tintuża regolarment mill-operaturi ekonomiċi u l-MSCAs. Titjib speċifiku fil-metodoloġija sottostanti għal din il-lista għandu jiġi kkunsidrat mill-Kummissjoni fuq bażi kontinwa. Ir-reviżjoni kkonfermat il-valur miżjud ta' għodod oħra, bħall-EPRM jew is-Sħubijiet Strateġiċi dwar il-Materja Prima, li jikkomplementaw l-isforzi tar-Regolament billi jintroduċu l-perspettiva ta' kooperazzjoni internazzjonali u billi jinvolvu ruħhom aktar ma' pajjiżi terzi sħab.

Fl-aħħar nett, ir-reviżjoni eżaminat mistoqsijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u kwistjonijiet relatati li jista' jkollhom impatt fuq il-funzjonament u l-effettività tiegħu, lil hinn minn dawk preskritti mir-Regolament. Il-valutazzjoni tissuġġerixxi li espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni materjali (inklużjoni possibbli ta' minerali jew metalli ulterjuri u b'mod partikolari l-kobalt), jew tal-ambitu tar-riskju (inklużjoni possibbli ta' riskji ulterjuri bħal dawk ambjentali) diġà qed tirriżulta fil-biċċa l-kbira minn leġiżlazzjoni sussegwenti oħra tal-UE, u b'mod partikolari s-CSDDD u r-Regolament dwar il-Batteriji. Peress li bosta mir-rekwiżiti f'dawn il-biċċiet reċenti ta' leġiżlazzjoni għadhom ma daħlux fis-seħħ, huwa prematur li jinsiltu konklużjonijiet deċiżivi dwar kif dawn se jinteraġixxu mar-Regolament, li fl-aħħar mill-aħħar se jiddependi fuq kif jiġu implimentati dawn l-inizjattivi l-oħra. Għalhekk, f'dan il-mument, mhuwiex possibbli li jiġi konkluż li bidliet fir-Regolament ikunu meħtieġa biex jittejjeb il-funzjonament tiegħu, jew biex jiġi vvalutat bis-sħiħ jekk leġiżlazzjoni oħra tikkumplimentax b'mod suffiċjenti l-effettività tar-Regolament.

Prospetti għall-ġejjieni

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, din l-ewwel reviżjoni titfa' dawl fuq il-ħtieġa li l-UE tintensifika l-involviment u l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni tagħha fir-rigward tar-Regolament u l-objettivi tiegħu. Dan jista' jinkludi t-tisħiħ tal-isforzi għall-komunikazzjoni dwar ir-Regolament fuq il-post u lill-partijiet ikkonċernati ewlenin rilevanti, u l-appoġġ għal proġetti ta' żvilupp rilevanti. Id-delegazzjonijiet tal-UE jistgħu jkunu interlokutur u faċilitatur primarju meta jinvolvu ruħhom ma' atturi lokali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' teżamina aktar kif tista' ttejjeb il-konverġenza fl-infurzar tar-Regolament mill-MSCAs. Filwaqt li l-Kummissjoni diġà qed taħdem fuq diversi għodod, bħall-pjattaforma għall-iskambju ta' *data* doganali jew l-iskambji regolari permezz tal-Laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tat-3TG, għandha ssir ħidma favur l-għoti kontinwu ta' kjarifiki jew gwida u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni transfruntiera fost l-MSCAs fl-indirizzar tal-isfidi relatati mal-akkwist responsabbli tal-minerali u l-konformità mar-Regolament.

Fuq kollox, il-qofol ta' dan l-ewwel eżerċizzju ta' reviżjoni huwa li l-impatti tar-Regolament ma jiġux ivvalutati b'mod iżolat. Dan ir-Regolament jifforma parti minn ekosistema usa' ta' miżuri li l-objettiv tagħhom huwa li javvanzaw it-tifitx ta' sorsi ta' provvista responsabbli tat-

3TG, b'mod li ma jwassalx għall-kunflitt u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem. F'dak ir-rigward, din ir-reviżjoni rriflettiet fuq l-iżviluppi pożittivi inizjali kemm f'pajjiżi terzi kif ukoll fl-UE, b'mod partikolari dwar l-indikazzjonijiet ta' żieda fl-adozzjoni tad-diliġenza dovuta u fehim, implimentazzjoni u disseminazzjoni mtejba tal-Gwida tal-OECD dwar id-DD b'mod aktar wiesa'. Tali adozzjoni usa' fil-livell internazzjonali tad-diliġenza dovuta fis-settur tat-3TG u lil hinn minnu trid tiġi appoġġjata u msaħħa aktar. B'mod parallel mal-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-UE, l-UE għandha rwol importanti fl-appoġġ ta' aktar sforzi internazzjonali, billi tmexxi bl-eżempju u tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, ma' pajjiżi terzi u f'fora internazzjonali.